# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 223

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

**Volum 57**

**14 ta' Lulju 2014**


Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**


2014/C 223/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* . . . 1


V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**


2014/C 223/02 Kawża C-178/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fil-11 ta' April 2014 — Vario Tek GmbH vs Hauptzollamt Düsseldorf . . . 2

2014/C 223/03 Kawża C-182/14 P: Appell ippreżentat fil-11 ta' April 2014 minn Mega Brands International, Luxembourg, Zweigniederlassung Zug mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-4 ta' Frar 2014 fil-Kawżi T-604/11 u T-292/12 — Mega Brands International, Luxembourg, Zweigniederlassung Zug vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni). . . 3

2014/C 223/04 Kawża C-188/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia nº 58 de Madrid (Spanja) fil-15 ta' April 2014 — Juan Pedro Ludeña Hormigos vs Banco de Santander, S.A. . . . 3

2014/C 223/05 Kawża C-190/14: Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2014 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tad-Danimarka . . . 4

2014/C 223/06 Kawża C-197/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-18 ta' April 2014 — T.A. van Dijk vs Staatssecretaris van Financiën . . . 5


MT

| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 223/07 | Kawża C-201/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fit-22 ta' April 2014 – Smaranda Bara *et* vs Preşedintele Casei Naţionale de Asigurări de Sănătate, Casa Naţională de Asigurări de Sănătate (CNAS), Agenţia Naţională de Administrare Fiscală (ANAF) . . . . . | 5 |
| 2014/C 223/08 | Kawża C-208/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial Navarra (Spanja) fil-25 ta' April 2014 – Antonia Valdivia Reche vs Banco de Valencia S.A.. . . . . . | 6 |
| 2014/C 223/09 | Kawża C-217/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda. . . . | 6 |
| 2014/C 223/10 | Kawża C-218/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Ireland (l-Irlanda) fil-5 ta' Mejju 2014 – Kuldip Singh, Denzel Nnjume, Khaled Aly vs Minister for Justice and Equality . . . | 7 |
| 2014/C 223/11 | Kawża C-219/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Employment Tribunals, Birmingham (ir-Renju Unit) fis-6 ta' Mejju 2014 – Kathleen Greenfield vs The Care Bureau Ltd. . . . . | 8 |
| 2014/C 223/12 | Kawża C-223/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia n° 7 de Las Palmas de Gran Canaria (Spanja) fis-7 ta' Mejju 2014 – Tecom Mican S.L. vs Man Diesel & Turbo SE | 8 |
| 2014/C 223/13 | Kawża C-225/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal d'instance de Dieppe (Franza) fit-8 ta' Mejju 2014 – Facet SA vs Jean Henri . . . . . | 9 |
| 2014/C 223/14 | Kawża C-239/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal du travail de Liège (il-Belġju) fl-14 ta' Mejju 2014 – Abdoulaye Amadou Tall vs Centre public d'action sociale de Huy (CPAS de Huy) | 10 |
| 2014/C 223/15 | Kawża C-247/14 P: Appell ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2014 minn HeidelbergCement AG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fl-14 ta' Marzu 2014 fil-Kawża T-302/11, HeidelbergCement AG vs Il-Kummissjoni . . . . . | 10 |
| 2014/C 223/16 | Kawża C-248/14 P: Appell ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2014 minn Schwenk Zement KG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fl-14 ta' Marzu 2014 fil-Kawża T-306/11, Schwenk Zement KG vs Il-Kummissjoni Ewropea . . . . . | 11 |


**Il-Qorti Ġenerali**


| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 223/17 | Kawża T-167/14: Rikors ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2014 – Søndagsavisen A/S vs Il-Kummissjoni Ewropea . . . . . | 13 |
| 2014/C 223/18 | Kawża T-230/14: Rikors ippreżentat fil-15 ta' April 2014 – Deutsche Edelstahlwerke vs Il-Kummissjoni | 13 |
| 2014/C 223/19 | Kawża T-235/14: Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2014 – ArcelorMittal Hamburg *et* vs Il-Kummissjoni | 14 |
| 2014/C 223/20 | Kawża T-236/14: Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2014 – Kronotex *et* vs Il-Kummissjoni . . . . . . | 15 |
| 2014/C 223/21 | Kawża T-237/14: Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2014 – Steinbeid Papier vs Il-Kummissjoni . . . . | 16 |
| 2014/C 223/22 | Kawża T-240/14 P: Appell ippreżentat fit-22 ta' April 2014 minn Jean-Pierre Bodson *et* mis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Frar 2014 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża 73/12, Bodson *et* vs BEI. . | 17 |
| 2014/C 223/23 | Kawża T-241/14 P: Appell ippreżentat fit-22 ta' April 2014 minn Jean-Pierre Bodson *et* mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fit-12 ta' Frar 2014 fil-Kawża F-83/12 – Bodson *et* vs BEI | 18 |
| 2014/C 223/24 | Kawża T-258/14: Rikors ippreżentat fl-24 ta' April 2014 – Il-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni. . . . . . | 20 |
| 2014/C 223/25 | Kawża T-259/14: Rikors ippreżentat fl-24 ta' April 2014 – Il-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni. . . . . . | 20 |
| 2014/C 223/26 | Kawża T-260/14: Rikors ippreżentat fil-25 ta' April 2014 – Vattenfall Europe Mining *et* vs Il-Kummissjoni . . . . . | 21 |
| 2014/C 223/27 | Kawża T-263/14: Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2014 – Hydro Aluminium Rolled Products *et* vs Il-Kummissjoni . . . . . | 22 |

| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 223/28 | Kawża T-265/14: Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Schumacher Packaging vs Il-Kummissjoni | 23 |
| 2014/C 223/29 | Kawża T-270/14: Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Grupa Azoty ATT Polymers vs Il-Kummissjoni . . . | 24 |
| 2014/C 223/30 | Kawża T-271/14: Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Styron Deutschland vs Il-Kummissjoni . . | 25 |
| 2014/C 223/31 | Kawża T-272/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – P-D Glasseiden *et* vs Il-Kummissjoni . . . . | 26 |
| 2014/C 223/32 | Kawża T-274/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Lech-Stahlwerke vs Il-Kummissjoni. . . . . | 27 |
| 2014/C 223/33 | Kawża T-275/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Drahtwerk St. Ingbert *et* vs Il-Kummissjoni | 28 |
| 2014/C 223/34 | Kawża T-276/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Flachglas Torgau *et* vs Il-Kummissjoni . . . | 29 |
| 2014/C 223/35 | Kawża T-279/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Sabic Polyolefine vs Il-Kummissjoni . . . . | 30 |
| 2014/C 223/36 | Kawża T-280/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Ineos Manufacturing Deutschland *et* vs Il-Kummissjoni . . . | 31 |
| 2014/C 223/37 | Kawża T-281/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Fels-Werke vs Il-Kummissjoni . . . . . . . . | 32 |
| 2014/C 223/38 | Kawża T-282/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Bayer MaterialScience vs Il-Kummissjoni . | 34 |
| 2014/C 223/39 | Kawża T-283/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Advansa *et* vs Il-Kummissjoni . . . . . . . . | 35 |
| 2014/C 223/40 | Kawża T-285/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Wirtschaftsvereinigung Stahl *et* vs Il-Kummissjoni . . . | 36 |
| 2014/C 223/41 | Kawża T-286/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Röchling Oertl Kunststofftechnik vs Il-Kummissjoni . . . | 38 |
| 2014/C 223/42 | Kawża T-287/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Schaeffler Technologies vs Il-Kummissjoni | 39 |
| 2014/C 223/43 | Kawża T-288/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Energiewerke Nord vs Il-Kummissjoni . . . | 40 |
| 2014/C 223/44 | Kawża T-289/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – H-O-T Servicecenter Nürnberg *et* vs Il-Kummissjoni . . . | 41 |
| 2014/C 223/45 | Kawża T-291/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – egeplast international vs Il-Kummissjoni. . | 42 |
| 2014/C 223/46 | Kawża T-294/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Klemme vs Il-Kummissjoni . . . . . . . . . . | 43 |
| 2014/C 223/47 | Kawża T-295/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Autoneum Germany vs Il-Kummissjoni . . | 44 |
| 2014/C 223/48 | Kawża T-296/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Erbslöh vs Il-Kummissjoni . . . . . . . . . . . | 45 |
| 2014/C 223/49 | Kawża T-297/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Walter Klein vs Il-Kummissjoni. . . . . . . . | 46 |
| 2014/C 223/50 | Kawża T-298/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Erbslöh Aluminium vs Il-Kummissjoni . . . | 47 |
| 2014/C 223/51 | Kawża T-300/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Fricopan Back vs Il-Kummissjoni . . . . . . | 48 |
| 2014/C 223/52 | Kawża T-301/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Michelin Reifenwerke vs Il-Kummissjoni. . | 49 |
| 2014/C 223/53 | Kawża T-302/14: Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Buderus Guss vs Il-Kummissjoni . . . . . . | 50 |
| 2014/C 223/54 | Kawża T-303/14: Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Polyblend vs Il-Kummissjoni. . . . . . . . . | 51 |
| 2014/C 223/55 | Kawża T-304/14: Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Sun Alloys Europe vs Il-Kummissjoni . . | 52 |
| 2014/C 223/56 | Kawża T-305/14: Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Vestolit vs Il-Kummissjoni . . . . . . . . . . | 54 |
| 2014/C 223/57 | Kawża T-306/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Polymer-Chemie vs Il-Kummissjoni . . . . | 55 |

| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 223/58 | Kawża T-307/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta’ April 2014 – TechnoCompound vs Il-Kummissjoni | 56 |
| 2014/C 223/59 | Kawża T-308/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta’ April 2014 – Neue Halberg-Guss vs Il-Kummissjoni. | 57 |
| 2014/C 223/60 | Kawża T-309/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta’ April 2014 – Mat Foundries Europe vs Il-Kummissjoni | 58 |
| 2014/C 223/61 | Kawża T-310/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta’ April 2014 – Fritz Winter Eisengießerei vs Il-Kummissjoni | 59 |
| 2014/C 223/62 | Kawża T-313/14: Rikors ippreżentat fil-5 ta’ Mejju 2014 – Christian Dior Couture vs UASI (Rappreżentazzjoni ta’ disinn ripetittiv b’effett intaljat) | 60 |
| 2014/C 223/63 | Kawża T-318/14: Rikors ippreżentat fit-2 ta’ Mejju 2014 – Vinnolit vs Il-Kummissjoni | 61 |
| 2014/C 223/64 | Kawża T-331/14: Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Mejju 2014 – Azarov vs Il-Kunsill | 62 |
| 2014/C 223/65 | Kawża T-332/14: Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Mejju 2014 – Azarov vs Il-Kunsill | 63 |
| 2014/C 223/66 | Kawża T-355/14: Rikors ippreżentat fit-30 ta’ Mejju 2014 – STC vs Il-Kummissjoni | 64 |


**It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku**


| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 223/67 | Kawża F-107/12: Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-16 ta’ Jannar 2014 – Guinet vs BEI (Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Sistema ta’ pensjoni — Trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni — Kumpens għall-iżvantaġġi li jirriżultaw mid-dewmien tat-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni — Kundizzjoni tat-trasferiment effettiv tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba f’sistema oħra minbarra dik tal-BEI — Prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament). | 66 |
| 2014/C 223/68 | Kawża F-130/12: Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-22 ta’ Mejju 2014 – CI vs Il-Parlament (Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Allowances tal-familja — Allowance għall-ulied dipendenti — Allowance doppja għall-ulied dipendenti — Artikolu 67(3) tar-Regolamenti tal-Persunal — Kundizzjonijiet għall-għoti — Soluzzjoni bonarja bejn il-partijiet wara l-intervent tal-Ombudsman Ewropew — Implementazzjoni — Dmir ta’ premura). | 66 |
| 2014/C 223/69 | Kawża F-151/12: Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-30 ta’ Jannar 2014 – Ohrgaard vs Il-Kummissjoni (Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Allowance tal-espatrijazzjoni — Kundizzjoni ta’ residenza prevista fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Eżerċizzju ta’ funzjonijiet f’organizzazzjoni internazzjonali — Kunċett — Stage ta’ ħames xhur imwettaq mal-Kummissjoni — Esklużjoni) | 67 |
| 2014/C 223/70 | Kawża F-60/13: Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-14 ta’ Frar 2014 – Lebedef vs Il-Kummissjoni (Servizz pubbliku — Uffiċjali — Reġistrazzjoni tal-assenzi minħabba mard — Assenza irregolari — Tnaqqis magħmul mill-Awtorità tal-Ħatra fuq il-leave annwali — Tressiq ta’ talba permezz tal-posta elettronika — Għarfien mill-persuna kkonċernata tal-eżistenza ta’ deċiżjoni — Ommissjoni li wieħed jiftaħ il-posta elettronika u li jinforma ruħu, billi jagħfas fuq il-hyperlink, dwar il-kontenut ta’ din id-deċiżjoni — Ammissibbiltà — Termini — Determinazzjoni tad-data li minnha l-persuna kkonċernata setgħet kellha għarfien tal-kontenut tad-deċiżjoni) | 68 |

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

### L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

(2014/C 223/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 212, 7.7.2014

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 202, 30.6.2014

ĠU C 194, 24.6.2014

ĠU C 184, 16.6.2014

ĠU C 175, 10.6.2014

ĠU C 159, 26.5.2014

ĠU C 151, 19.5.2014

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fil-11 ta' April 2014 – Vario Tek GmbH vs Hauptzollamt Düsseldorf**

**(Kawża C-178/14)**

(2014/C 223/02)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Vario Tek GmbH

*Konvenut:* Hauptzollamt Düsseldorf

**Domandi preliminari**

1) Il-fatt li vidjokamera ma tipprovdix il-possibbiltà li wieħed jiffoka mill-qrib jipprekludi l-klassifikazzjoni tagħha fis-subintestatura 8525 90 9 tan-Nomenklatura Magħquda fil-verżjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 861/2010, tal-5 ta' Ottubru 2010, u tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011, tas-27 ta' Settembru 2011, li t-tnejn li huma jemendaw l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1])?

2) Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta negattiva, apparat b'vidjokamera jkun jista' jirreġistra l-ħsejjes u l-immaġni meħuda bil-kamera fis-sens tas-subintestatura 8525 80 91 NM sempliċement minħabba li fajl b'vidjo jew b'awdjo jkun jista' jiġi kkopjat, permezz ta' konnessjoni USB fuq il-kamera, minn apparat ieħor għal fuq il-mezz interkambjabbli użat għar-reġistrazzjoni u li jkun neċessarju sabiex tiġi operata l-kamera, u dan minkejja li wieħed ma jkunx jista' jara jew jisma' dawn il-fajls permezz tal-kamera waħedha?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 861/2010, tal-5 ta' Ottubru 2010, u mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011, tas-27 ta' Settembru 2011, li jemendaw l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (ĠU L 282, p. 1 u ĠU L 284, p. 1, rispettivament).

**Appell ippreżentat fil-11 ta' April 2014 minn Mega Brands International, Luxembourg, Zweigniederlassung Zug mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-4 ta' Frar 2014 fil-Kawżi T-604/11 u T-292/12 – Mega Brands International, Luxembourg, Zweigniederlassung Zug vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

**(Kawża C-182/14 P)**

(2014/C 223/03)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Mega Brands International, Luxembourg, Zweigniederlassung Zug (rappreżentanti: A. Nordemann, M. C. Maier, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Frar 2014 sa fejn tikkonċerna l-Kawża T-292/12,

— jekk ikun meħtieġ, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali,

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċeduri.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti tibbaża l-appell tagħha fuq aggravju wieħed, fejn issostni ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 ([1]) tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja.

Speċifikatament, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi:

1) billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni, jew tal-inqas issemmi, fil-kuntest ta' evalwazzjoni globali, li t-trade mark preċedenti, MAGNET 4, tikkonsisti fin-numru "4";

2) billi fil-punti 22 u 25 tas-sentenza tagħha, ikkunsidrat l-element MAGNET bħala l-element dominanti tat-trade mark preċedenti MAGNET 4;

3) billi fil-punt 25 applikat kriterji differenti fl-evalwazzjoni tax-xebh fonetiku u viżiv tas-sinjali MAGNET 4 u MAGNEXT;

4) billi fil-punt 35 ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fil-kuntest ta' evalwazzjoni globali, il-probabbiltà ta' konfużjoni, l-interdipendenza tal-fatturi relevanti, b'mod partikolari l-livell baxx tal-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti, MAGNET 4, in-nuqqas ta' xebh konċettwali tas-sinjali MAGNET 4 u MAGNEXT, u l-grad baxx ta' xebh fonetiku u viżiv tas-sinjali;

5) billi fil-punt 35 ma pprovdietx raġunijiet sostantivi, fir-rigward tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn is-sinjali MAGNET 4 u MAGNEXT.

([1]) ĠU L 78. p. 1

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia nº 58 de Madrid (Spanja) fil-15 ta' April 2014 – Juan Pedro Ludeña Hormigos vs Banco de Santander, S.A.**

**(Kawża C-188/14)**

(2014/C 223/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia nº 58 de Madrid.

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Juan Pedro Ludeña Hormigos

*Konvenuta:* Banco de Santander, S.A.

### Domandi preliminari

1) L-Artikolu 22(1) tal-Liġi 16/09 tat-13 ta' Novembru 2009, dwar is-servizzi ta' ħlas, huwa kompatibbli mad-dritt Komunitarju sa fejn jippermetti lil istituzzjoni bankarja li timponi u/jew iżżid l-ispiża tas-servizzi u b'hekk tbiddel il-kundizzjonijiet inizzjalment miftiehma?

2) Il-fatt li l-utent jista' jirrexindi kuntratt mingħajr ma jeħel spejjeż jagħtih protezzjoni suffiċjenti?

3) Huma validi l-klawżoli kuntrattwali, konklużi mill-partijiet, li jippermettu aġir b'mod konformi mad-dispożizzjoni ċċitata fl-ewwel domanda?

4) Fl-aħħar nett, u fil-każ fejn ir-risposta għad-domandi preċedenti tkun pożittiva, it-terminu ta' notifika ta' xahrejn huwa kompatibbli mad-dritt Komunitarju?

---

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tad-Danimarka

## (Kawża C-190/14)

(2014/C 223/05)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Manhaeve, U. Nielsen, bħala aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tad-Danimarka

### Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li, billi naqas milli jippubblika l-pjanijiet definiti ta' ġestjoni tad-distrett idrografiku mhux iktar tard mit-22 ta' Diċembru 2009 u ma baghtx kopja tagħhom lill-Kummissjoni mhux iktar tard mit-22 ta' Marzu 2010 , u f'kull każ billi naqas li jinforma lill-Kumissjoni bihom, ir-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2000, li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma; ([1])

— tikkundanna lir-Renju tad-Danimarka għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Id-Danimarka kemm-il darba rrikonoxxiet – l-iktar darba reċenti fit-18 ta' Diċembru 2013 fir-risposta tagħha għall-opinjoni motivata supplimentari tal-Kummissjoni – li l-ebda wieħed mill-erba' distretti idrografiċi tad-Danimarka ma huma koperti mill-pjanijiet definiti ta' ġestjoni tad-distrett idrografiku, u li kopja tal-pjanijiet definiti ta' ġestjoni tad-distrett idrografiku għal perijodu ta' sitt snin li jagħlqu fit-22 ta' Diċembru 2015 ma ntbgħatux lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ssostni li d-Danimarka għadha ma kkonformatx ruħha mal-Artikolu 13(1), (2), u (6) tad-Direttiva. Skont ir-risposta tad-Danimarka tat-8 ta' Mejju 2013, il-ksur tal-Artikolu 13 tad-Direttiva huwa mistenni li jkompli sa Mejju 2014 (approssimattivament 3,5 snin wara t-terminu pprovdut). Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li d-Danimarka għadha ma kkonformatx ruħha mar-rekwiżiti tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva, li fiha t-terminu sabiex tiġi informata l-Kummissjoni kien stabbilit għat-22 ta' Marzu 2010.

---

([1]) ĠU L 327, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-18 ta' April 2014 – T.A. van Dijk vs Staatssecretaris van Financiën**

**(Kawża C-197/14)**

(2014/C 223/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

## Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

## Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* T.A. van Dijk

*Konvenut:* Staatssecretaris van Financiën

## Domandi preliminari

1) Fil-kuntest ta' domanda preliminari mressqa minn qorti nazzjonali inferjuri, il-Hoge Raad, bħala qorti suprema, għandha tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari jew għandha tistenna r-risposta mogħtija għad-domanda preliminari magħmula mill-qorti nazzjonali inferjuri, meta hija tqis li l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni fuq il-punt li dwaru hija ġiet adita tkun ċara b'evidenza li ma tħalli spazju għal ebda dubju raġonevoli fir-rigward tal-mod li bih din id-domanda għandha tintwieġeb?

2) Fil-każ li l-ewwel domanda teħtieġ risposta pożittiva, l-awtoritajiet Olandiżi kompetenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali huma marbuta b'attestazzjoni E 101 maħruġa mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor, anki fil-każ fejn din l-attestazzjoni tikkonċerna baħri tad-dgħajjes tax-xmara Rhein u, għalhekk, skont l-Artikolu 7(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 ([1]), id-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli – punt kopert mill-attestazzjoni – għandhom jiġu injorati?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, p. 2)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fit-22 ta' April 2014 – Smaranda Bara *et* vs Președintele Casei Naționale de Asigurări de Sănătate, Casa Națională de Asigurări de Sănătate (CNAS), Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF)**

**(Kawża C-201/14)**

(2014/C 223/07)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

## Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Cluj

## Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Smaranda Bara *et*

*Konvenuti:* Președintele Casei Naționale de Asigurări de Sănătate, Casa Națională de Asigurări de Sănătate (CNAS), Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF)

## Domandi preliminari

1) L-awtorità fiskali nazzjonali bħala rappreżentanta tal-ministeru kompetenti ta' Stat Membru, hija istituzzjoni finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 124 TFUE?

2) It-trasferiment tal-bażi ta' data dwar id-dħul irċevut miċ-ċittadini ta' Stat Membru, mill-awtorità fiskali lejn istituzzjoni oħra tal-imsemmi Stat Membru, jista' jiġi rregolat permezz ta' att simili għall-atti amministrattivi, jiġifieri permezz ta' protokoll konkluż bejn l-awtorità fiskali nazzjonali u istituzzjoni oħra tal-Istat, mingħajr ma dan ikun jikkostitwixxi aċċess privileġġat, hekk kif iddefinit fl-Artikolu 124 TFUE?

3) It-trasferiment tal-bażi ta' data bil-għan li jitqiegħed oneru ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet soċjali fuq iċ-ċittadini ta' Stat Membru, fir-rigward tal-istituzzjoni tal-Istat Membru li favuriha sar dan it-trasferiment, jaqa' taħt il-kunċett ta' kunsiderazzjonijiet prudenzjali fis-sens tal-Artikolu 124 TFUE?

4) Id-data personali tista' tiġi pproċessata minn awtorità li ma kinitx destinatarja tal-imsemmija data, fiċ-ċirkustanzi fejn din it-tranżazzjoni retroattivament toħloq danni patrimonjali?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial Navarra (Spanja) fil-25 ta' April 2014 – Antonia Valdivia Reche vs Banco de Valencia S.A.**

**(Kawża C-208/14)**

(2014/C 223/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial Navarra

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Antonia Valdivia Reche

*Konvenut:* Banco de Valencia S.A.

**Domanda preliminari**

Meta n-natura inġusta tal-klawżola li stabbilixxiet rata ta' interessi moratorji għal 29 % tiġi rrikonoxxuta, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13/KEE ([1]) jimponi lill-qorti nazzjonali tiddikjara l-inapplikabbiltà ta' din ir-rata mingħajr possibbiltà li timmodera r-rata ta' interessi miftiehma minkejja li tkun ġiet espressament mitluba tagħmel dan minn wieħed mill-konsumaturi mressqa quddiem il-qorti?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur. (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda**

**(Kawża C-217/14)**

(2014/C 223/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Hetsch, L. Flynn, K. Herrmann, aġenti)

*Konvenuta:* L-Irlanda

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara li, fir-rigward tad-Direttiva 2009/72/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE, l-Irlanda naqset milli tadotta sa mhux iktar tard mit-3 ta' Marzu 2011 id-dispożizzjonijiet li jitrasponu d-definizzjonijiet tal-punti 8, 18, 21, 22, 32, 33 u 34 tal-Artikolu 2 tagħha u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi (1) sa (7) u (12) tal-Artikolu 9 tagħha flimkien mal-paragrafu (11) tal-Artikolu 9, fit-tieni u t-tielet sentenzi tal-Artikolu 16 kif ukoll il-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 16, fit-tieni sentenza tal-Artikolu 38(1) tagħha, fil-paragrafi (1), (4) u (8) tal-Artikolu 39 tagħha, u fil-paragrafi (1) sa (3), (5) u (7) tal-Artikolu 40 tagħha jew, fi kwalunkwe każ, naqset li tinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn il-miżuri, u b'hekk l-Irlanda naqset milli twettaq obbligu tagħha taħt l-Artikolu 49(1) ta' din id-direttiva;

— timponi pagamenti ta' penalità fuq l-Irlanda skont l-Artikolu 260(3) TFUE fl-ammont ta' EUR 20 358 kuljum, fis-seħħ mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u pagabbli fil-kont tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tagħha li tinnotifika l-miżuri li jitrasponu d-direttiva adottata skont il-proċedura leġiżlattiva; u

— tikkundanna lill-Irlanda għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-perijodu għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fit-3 ta' Marzu 2011.

(1) ĠU L 211, p. 55

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Ireland (l-Irlanda) fil-5 ta' Mejju 2014 – Kuldip Singh, Denzel Nnjume, Khaled Aly vs Minister for Justice and Equality**

**(Kawża C-218/14)**

(2014/C 223/10)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

High Court of Ireland

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Kuldip Singh, Denzel Nnjume, Khaled Aly

*Konvenut:* Minister for Justice and Equality

*Parti intervenjenti:* Immigrant Council of Ireland

**Domandi preliminari**

1) Meta żwieġ li jinvolvi ċittadin tal-Unjoni ma' ċittadin ta' pajjiż terz jintemm b'divorzju miskub wara t-tluq taċ-ċittadin tal-Unjoni minn Stat Membru ospitanti fejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni kien qed igawdi minn drittijiet tal-Unjoni, u meta japplikaw l-Artikoli 7 u 13(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/38/KE [1], iċ-ċittadin ta' pajjiż terz iżomm dritt li jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti wara dan? Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti matul il-perijodu bejn tluq iċ-ċittadin tal-Unjoni mill-Istat Membru ospitanti u l-għoti tad-deċiżjoni ta' divorzju?

2) Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38/KE huma sodisfatti meta konjuġi ċittadin tal-Unjoni jsostni li għandu biżżejjed riżorsi fis-sens tal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva parzjalment abbażi tar-riżorsi tal-konjuġi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz?

3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għat-tieni domanda, persuni bħar-rikorrenti għandhom drittijiet taħt id-dritt tal-Unjoni (minbarra taħt id-Direttiva) biex jaħdmu fl-Istat Membru ospitanti sabiex jipprovdu jew jikkontribwixxu "biżżejjed riżorsi" skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva?

(1) Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Employment Tribunals, Birmingham (ir-Renju Unit) fis-6 ta' Mejju 2014 – Kathleen Greenfield vs The Care Bureau Ltd**

**(Kawża C-219/14)**

(2014/C 223/11)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Employment Tribunals, Birmingham (ir-Renju Unit)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Kathleen Greenfield

*Konvenut:* The Care Bureau Ltd

**Domandi preliminari**

1) Il-prinċipju ta' "*pro rata temporis*", imsemmi fil-Klawżola 4(2) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time, għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali (bħar-Regulations 13, 13A u 14 tar-Regolamenti dwar il-ħin tax-xogħol) ikollha l-effett, fil-każ ta' żieda fis-sigħat tax-xogħol ta' impjegat, li l-ammont ta' leave diġà akkumulat jiġi aġġustat proporzjonalment għas-sigħat tax-xogħol il-ġodda, bir-riżultat li l-ħaddiem li jżid is-sigħat tax-xogħol tiegħu jkollu dritt li l-leave miksub jiġi kkalkolat mill-ġdid abbażi tas-sigħat addizzjonali tiegħu?

2) Il-Klawżola 4(2) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time jew l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali (bħar-Regulations 13, 13A u 14 tar-Regolamenti dwar il-ħin tax-xogħol) ikollha l-effett, fil-każ ta' żieda fis-sigħat tax-xogħol ta' impjegat, li l-ammont ta' leave diġà akkumulat jiġi aġġustat proporzjonalment għas-sigħat tax-xogħol il-ġodda, bir-riżultat li l-ħaddiem li jżid is-sigħat tax-xogħol tiegħu jkollu dritt li l-leave miksub jiġi kkalkolat mill-ġdid abbażi tas-sigħat tax-xogħol il-ġodda?

3) Jekk id-domandi (1) u/jew (2) jingħataw risposta affermattiva, il-kalkolu mill-ġdid japplika biss għall-porzjon tas-sena ta' referenza għall-kalkolu tal-leave li matulha l-impjegat ħadem sigħat addizzjonali jew għal perijodu ieħor?

4) Fil-kalkolu tal-perijodu ta' leave meħud minn ħaddiem, il-Klawżola 4(2) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time jew l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeżiġu li dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali (bħar-Regulations 13, 13A u 14 tar-Regolamenti dwar il-ħin tax-xogħol) ikollha l-effett li jiġi adottat approċċ differenti skont jekk tiġix ikkalkolata allowance kumpensatorja tad-dritt għal leave annwali fi tmiem ir-relazzjoni tax-xogħol jew jiġix ikkalkolat id-dritt għal leave annwali li jkun għad fadal fil-każ li tinżamm ir-relazzjoni tax-xogħol?

5) Jekk id-domanda (4) tingħata risposta affermattiva, x'inhi d-differenza fl-approċċ li għandu jiġi adottat?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia nº 7 de Las Palmas de Gran Canaria (Spanja) fis-7 ta' Mejju 2014 – Tecom Mican S.L. vs Man Diesel & Turbo SE**

**(Kawża C-223/14)**

(2014/C 223/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia nº 7 de Las Palmas de Gran Canaria

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Tecom Mican S.L.

*Konvenuta:* Man Diesel & Turbo SE

**Domandi preliminari**

1) Dokument purament privat jista' jitqies bħala "dokument extra-ġudizzjarju" fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1393/2007 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Novembru 2007, irrispettivament mill-fatt li dan ma nħariġx minn awtorità pubblika mhux ġudizzjarja jew minn uffiċjal pubbliku mhux ġudizzjarju?

2. Jekk dan ikun il-każ, kull dokument privat jista' jitqies bħala dokument extra-ġudizzjarju, jew dan id-dokument privat għandu jissodisfa ċerti karatteristiċi preċiżi?

3. Anki meta d-dokument privat jissodisfa dawn il-karatteristiċi, ċittadin tal-Unjoni jista' jitlob in-notifika permezz tal-proċedura prevista fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Novembru 2007, meta huwa jkun diġà wettaq din in-notifika permezz ta' awtorità pubblika oħra mhux ġudizzjarja bħal, per eżempju, nutar?

4. Fl-aħħar nett, għall-finijiet tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1393/2007, hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li din il-kooperazzjoni għandha implikazzjonijiet transkonfinali u hija neċessarja għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern? Meta hemm lok li jitqies li l-kooperazzjoni għandha "implikazzjoni transkonfinali u hija neċessarja għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern"?

([1]) Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Novembru 2007, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz [notifika] ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (ĠU L 324, p. 79).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal d'instance de Dieppe (Franza) fit-8 ta' Mejju 2014 – Facet SA vs Jean Henri**

**(Kawża C-225/14)**

(2014/C 223/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal d'instance de Dieppe

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Facet SA

*Konvenut:* Jean Henri

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur ([1]), interpretat fid-dawl tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ([2]), jipprojbixxi l-eżistenza u l-applikazzjoni ta' klawżoli standard fil-kuntratti ta' kreditu, li permezz tagħhom il-konsumatur jirrikonoxxi l-eżekuzzjoni tal-obbligu tal-persuna li ssellef?

2) Il-prinċipju ġenerali ta' effettività tad-dritt Komunitarju u l-Artikolu 22 tad- Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur, interpretat fid-dawl tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, jipprekludu li l-persuna li ssellef tkun tista' tipprova l-eżekuzzjoni tal-obbligi prekuntrattwali u kuntrattwali tagħha bis-saħħa biss tal-klawżoli standard fil-kuntratti ta' kreditu, li permezz tagħhom il-konsumatur jirrikonoxxi l-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi, mingħajr ma tipproduċi d-dokumenti maħruġa minnha u mogħtija lil min jissellef?

([1]) Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, p. 66).

([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal du travail de Liège (il-Belġju) fl-14 ta' Mejju 2014 – Abdoulaye Amadou Tall vs Centre public d'action sociale de Huy (CPAS de Huy)**

**(Kawża C-239/14)**

(2014/C 223/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal du travail de Liège

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Abdoulaye Amadou Tall

*Konvenut:* Centre public d'action sociale de Huy (CPAS de Huy)

**Domanda preliminari**

Skont l-Artikolu 39/1 tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 dwar l-aċċess għat-territorju, ir-residenza, l-istabbiliment u t-tkeċċija tal-barranin, moqri flimkien mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 39/2(1), mal-Artikolu 39/76, mas-subparagrafu 2, d tal-Artikolu 39/82(4), u mal-Artikolu 57/6/2 tal-istess liġi, huma biss rikorsi għal annullament u għal sospensjoni ta' urġenza estrema li jistgħu jiġu ppreżentati kontra rifjut ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' applikazzjoni għall-ażil multipla. Sa fejn f'dan il-każ la hemm rikors ta' ġurisdizzjoni sħiħa, u lanqas rikorsi sospensivi, u sa fejn l-applikant la għandu dritt għal residenza u lanqas għal għajnuna materjali matul l-eżami tagħhom, dawn ir-rikorsi huma kompatibbli mar-rekwiżiti tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat ([1]) li jipprevedu d-dritt għal rimedju effettiv?

([1]) ĠU L 175M, p. 168.

---

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2014 minn HeidelbergCement AG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fl-14 ta' Marzu 2014 fil-Kawża T-302/11, HeidelbergCement AG vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-247/14 P)**

(2014/C 223/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* HeidelbergCement AG (rappreżentanti: U. Denzel, C. von Köckritz, P. Pichler, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-30 ta' Marzu 2011, fil-Każ COMP/39520 – Siment u prodotti konnessi, C (2011) 2361 finali, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, sa fejn din tikkonċerna lill-appellanti;

– sussidjarjament, fir-rigward tat-tieni kap tat-talbiet, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi l-kawża skont il-punti ta' dritt stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; u

– fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti mill-appellanti fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Dan l-appell ġie ppreżentat kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Marzu 2014 fil-Kawża T-302/11. Din is-sentenza ġiet innotifikata lill-appellanti fl-14 ta' Marzu 2014. Fis-sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-30 ta' Marzu 2011, fil-Każ COMP/39520 – Siment u prodotti konnessi, C(2011) 2361 finali.

L-appellanti ssostni, b'kollox, seba' aggravji:

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx b'mod adegwat l-obbligu li tiġi indikata r-raġuni għat-talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 ([1]) u applikatu b'mod żbaljat. Hija ma analizzatx b'mod suffiċjenti l-kontenut tad-deċiżjoni tat-talba għal informazzjoni u injorat ir-rekwiżiti imposti fuq il-Kummissjoni fuq il-bażi tal-obbligu ta' motivazzjoni.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-obbligu ta' motivazzjoni li jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE seta' jiġi limitat mill-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003. Minħabba f'hekk, il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx il-mertu tal-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tal-għażla li tittieħed deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni. Il-Qorti Ġenerali lanqas ma eżaminat b'mod adegwat l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tat-terminu stabbilit. Is-sentenza tagħha tipprovdi raġunijiet f'termini identiċi għal dawk użati sabiex tirrispondi għal ilment b'kontenut differenti, invokat fi proċedura parallela.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx b'mod adegwat in-"neċessità" fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, peress li kkunsidrat li ma huwiex il-kompitu tal-Kummissjoni li tagħmel spjegazzjoni dettaljata bl-indizji "rilevanti" kollha. Barra minn hekk, hija imponiet rekwiżiti mhux ġustifikati dwar ir-rabta bejn suspett serju ta' ksur u n-neċessità tal-informazzjoni mitluba. Hija interpretat ukoll b'mod żbaljat l-ewwel sentenza tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, peress li kkunsidrat li ma kienx hemm lok li tivverifika n-natura xierqa tal-informazzjoni mitluba. Dan iwassal, barra minn hekk, sabiex id-dritt għal reviżjoni li jirriżulta mit-tielet sentenza tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2203 jiġi ppreġudikat.

Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali qieset, b'mod żbaljat, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 bħala bażi legali tat-talba tal-Kummissjoni ta' preparazzjoni, ġbir u pproċessar ta' informazzjoni li l-appellanti ma kellhiex fil-pussess tagħha.

Il-ħames nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment ibbażat fuq il-qosor tat-terminu għal risposta billi sempliċement irreferiet b'mod astratt għas-saħħa ekonomika tal-appellanti u b'hekk ibbażat ruħha fuq raġunijiet insuffiċjenti u inkoerenti.

Is-sitt nett, il-Qorti Ġenerali injorat il-kriterju ta' preċiżjoni tal-atti tal-Unjoni Ewropea billi kkunsidrat li d-deċiżjoni tat-talba għal informazzjoni kienet suffiċjentement preċiża, meta hija stess ikkonstatat li l-mistoqsijiet li kienu jinsabu fiha għamlu użu minn termini vagi. Barra minn hekk, hija ma ezaminatx l-ilmenti speċifiċi bbażati fuq in-nuqqas ta' preċiżjoni u ppreġudikat id-dritt għal reviżjoni (ara t-tielet sentenza tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003).

Is-seba' nett, il-Qorti Ġenerali injorat id-drittijiet tad-difiża tal-appellanti peress li qieset li din tal-aħħar kellha taċċetta l-evalwazzjonijiet li l-Kummissjoni setgħet tuża fl-ambitu ta' analiżi ekonomika intiża sabiex tipprova suspett ta' ksur għad-dritt tal-akkordji tal-Unjoni.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, ĠU 2003 L 1, p. 1.

---

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2014 minn Schwenk Zement KG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fl-14 ta' Marzu 2014 fil-Kawża T-306/11, Schwenk Zement KG vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-248/14 P)**

(2014/C 223/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Schwenk Zement KG (rappreżentanti: M. Raible u S. Merz, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

1. tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tal-14 ta' Marzu 2014 fil-Kawża T-306/11, sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti;
2. tannulla fl-intier tagħha id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2367 finali, tat-30 ta' Marzu 2011 fil-Każ COMP/39520 – Siment u prodotti relatati, skont l-Artikolu 263 TFUE, sa fejn din tirrigwarda lill-appellanti;
3. sussidjarjament għat-tieni parti tat-talbiet, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi mill-ġdid fid-dawl tal-punti ta' liġi deċiżi fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;
4. f'kull każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti mill-appellanti fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appell ġie ppreżentat kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Qorti Ġenerali") tal-14 ta' Marzu 2014 fil-Kawża T-306/11, sa fejn din tippreġudika lill-appellanti. Is-sentenza ġiet innotifikata lil Schwenk Zement KG fl-14 ta' Marzu 2014. Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment u ċaħdet parzjalment ir-rikors tal-appellanti kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2367 finali, tat-30 ta' Marzu 2011, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([1]) (Każ COMP/39520 – Siment u prodotti relatati).

L-appellanti tqajjem tliet aggravji:

L-ewwel nett, l-appellanti tilmenta li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' propozjonalità fl-evalwazzjoni tagħha tal-aġir tal-Kummissjoni. Il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tal-Unjoni, sa fejn ma osservatx il-ġerarkija inerenti fil-prinċipju ta' proporzjonalità, li tipprevedi li, fil-każ ta' dubju bejn żewġ miżuri, għandha tiġi applikata l-miżura l-inqas ħarxa. Billi rreferiet għall-aqwa garanzija għall-kisba ta' informazzjoni, il-Qorti Ġenerali qieset li kien ammissibbli li azzjoni diretta tittieħed fil-konfront tal-appellanti permezz ta' deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni fis-sens tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003. Din iċ-ċirkustanza ma hijiex suffiċjenti għall-prinċipju ta' proporzjonalità.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali wettqet biss analiżi insuffiċjenti tal-każ partikolari u injorat għalhekk l-elementi rilevanti invokati mill-appellanti. Il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx dan il-każ partikolari u ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi fir-rigward tal-appellanti. Minflok, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq numru kbir ta' produtturi tas-siment.

It-tielet nett, ir-rikorrenti tikkritika l-fatt li, bi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-ispjegazzjonijiet sterjotipiċi tal-Kummissjoni kienu suffiċjenti. Il-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni għal żewġ raġunijiet. Minn naħa, hija wettqet żball għal dak li jirrigwarda r-rekwiżiti dwar l-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti ġuridiċi tal-Kummissjoni li jirriżulta mill-Artikolu 296(2) TFUE u mill-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ma osservatx ir-rekwiżiti stabbiliti minnha stess għal dak li jirrigwarda l-obbligu ta' motivazzjoni. Fl-aħħar nett, din l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali tipprekludi li jiġi vverifikat jekk ġiex osservat il-prinċipju ta' proporzjonalità. Għaldaqstant, jekk is-sentenza tal-Qorti Ġenerali titqies li hija valida fuq dan il-punt, il-prinċipju ta' proporzjonalità fil-kuntest tal-miżuri ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 ma jkun xejn iktar ħlief qoxra vojta.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205)

# IL-QORTI ĠENERALI

## Rikors ippreżentat fit-13 ta’ Marzu 2014 – Søndagsavisen A/S vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża T-167/14)**

(2014/C 223/17)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Søndagsavisen A/S (Søborg, id-Danimarka) (rappreżentanti: M. Honoré u C. Fornø)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta’ Novembru 2013 li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għal għajnuna għall-produzzjoni u għall-innovazzjoni tad-Danimarka għall-medja bil-miktub (SA.36366).

— tordna lill-Kummissjoni thallas l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti, kompettitriċi tal-benefiċjarji tal-għajnuna, issostni li l-Kummissjoni kellha tikkonstata li kien hemm dubju dwar il-kompatibbiltà tal-miżura rrapportata mas-suq intern u li l-Kummissjoni għalhekk kellha tadotta deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali: ara l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-regolament proċedurali ([1]). Billi naqset tagħmel dan, il-Kummissjoni injorat id-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 108(2) TFUE.

Insostenn tal-argument li kien hemm dubju raġonevoli dwar il-kompatibbiltà tal-iskema mas-suq intern, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi:

— il-Kummissjoni naqset kompletament milli teżamina jekk l-iskema kinitx xierqa sabiex tiżgura l-espansjoni tal-kontenut tal-aħbarijiet pprovdut lill-poplu Daniż, b’dan il-mod jissaħħaħ il-proċess demokratiku,

— id-deċiżjoni kkontestata fi kwalunkwe każ hija nieqsa minn motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-adegwatezza tal-miżura; u

— il-Kummissjoni naqset milli teżamina l-effetti li jikkawżaw distorsjoni fil-kompetizzjoni tal-iskema fir-relazzjoni bejn gazzetti mingħajr ħlas u gazzetti mibjugħa bil-flus.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta’ Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikol 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339)

---

## Rikors ippreżentat fil-15 ta’ April 2014 – Deutsche Edelstahlwerke vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-230/14)**

(2014/C 223/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Deutsche Edelstahlwerke GmbH (Witten, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Altenschmidt u H. Janssen, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013 fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE

   — Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE peress li s-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u l-iskema ta' kumpens speċjali ma jinvolvu ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat jew ta' riżorsi kkontrollati mill-Istat. Il-fatti kollha rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' dawn il-miżuri kienu stabbiliti fil-kuntest ta' proċedimenti preliminari bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ma kien fadal ebda dubji li kienu jeħtieġu determinazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]).

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-prinċipju ta' ċertezza legali

   — Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 108(1) TFUE u l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn, sabiex tivverifika l-evalwazzjoni preliminari tagħha tal-EEG bħala għajnuna, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna ġdida skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999 minflok il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 *et seq* tar-Regolament Nru 659/1999. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni b'mod partikolari li, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Meta kkunsidrati fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-bidliet mill-EEG 2000 għall-EEG 2012 ma kinux sostanzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet tesprimi opinjoni legali rreveduta fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE mingħajr ma tkun ta' oneru għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipju ta' smigħ xieraq

   — Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tatha minn qabel il-possibbiltà li tippreżenta l-kummenti tagħha.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2014 – ArcelorMittal Hamburg *et* vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-235/14)**

(2014/C 223/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ArcelorMittal Hamburg GmbH (Hamburg, il-Ġermanja), Bregal Bremer Galvanisierungs GmbH (Bremen, il-Ġermanja), ArcelorMittal Hochfeld GmbH (Duisburg, il-Ġermanja), u ArcelorMittal Ruhrort GmbH (Duisburg) (rappreżentanti: H. Janssen u G. Engel, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013 fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE

   — Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE peress li s-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u l-iskema ta' kumpens speċjali ma jinvolvu ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat jew ta' riżorsi kkontrollati mill-Istat. Il-fatti kollha rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' dawn il-miżuri kienu stabbiliti fil-kuntest ta' proċedimenti preliminari bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ma kien fadal ebda dubji li kienu jeħtieġu determinazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]).

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-prinċipju ta' ċertezza legali

   — Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 108(1) TFUE u l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn, sabiex tivverifika l-evalwazzjoni preliminari tagħha tal-EEG bħala għajnuna, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna ġdida skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999 minflok il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 *et seq* tar-Regolament Nru 659/1999. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu b'mod partikolari li, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Meta kkunsidrati fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-bidliet mill-EEG 2000 għall-EEG 2012 ma kinux sostanzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet tesprimi opinjoni legali rreveduta fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE mingħajr ma tkun ta' oneru għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipju ta' smigħ xieraq

   — Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-konvenuta adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tathom minn qabel il-possibbiltà li jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2014 – Kronotex *et* vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-236/14)**

(2014/C 223/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kronotex GmbH & Co. KG (Heiligengrabe, il-Ġermanja), Kronoply GmbH (Heiligengrabe) u K Face GmbH (Heiligengrabe) (rappreżentanti: H. Janssen u G. Engel, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013 fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE peress li s-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u l-iskema ta' kumpens speċjali ma jinvolvu ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat jew ta' riżorsi kkontrollati mill-Istat. Il-fatti kollha rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' dawn il-miżuri kienu stabbiliti fil-kuntest ta' proċedimenti preliminari bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ma kien fadal ebda dubji li kienu jeħtieġu determinazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]).

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-prinċipju ta' ċertezza legali

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 108(1) TFUE u l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn, sabiex tivverifika l-evalwazzjoni preliminari tagħha tal-EEG bħala għajnuna, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna ġdida skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999 minflok il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 *et seq* tar-Regolament Nru 659/1999. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu b'mod partikolari li, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Meta kkunsidrati fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-bidliet mill-EEG 2000 għall-EEG 2012 ma kinux sostanzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet tesprimi opinjoni legali rreveduta fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE mingħajr ma tkun ta' oneru għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipju ta' smigħ xieraq

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-konvenuta adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tathom minn qabel il-possibbiltà li jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2014 – Steinbeid Papier vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-237/14)**

(2014/C 223/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Steinbeid Papier GmbH (Glückstadt, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Janssen u G. Engel, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013 fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-kovenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE peress li s-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u l-iskema ta' kumpens speċjali ma jinvolvu ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat jew ta' riżorsi kkontrollati mill-Istat. Il-fatti kollha rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' dawn il-miżuri kienu stabbiliti fil-kuntest ta' proċedimenti preliminari bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ma kien fadal ebda dubji li kienu jeħtieġu determinazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]).

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-prinċipju ta' ċertezza legali

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 108(1) TFUE u l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn, sabiex tivverifika l-evalwazzjoni preliminari tagħha tal-EEG bħala għajnuna, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna ġdida skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999 minflok il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 *et seq* tar-Regolament Nru 659/1999. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni b'mod partikolari li, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Meta kkunsidrati fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-bidliet mill-EEG 2000 għall-EEG 2012 ma kinux sostanzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet tesprimi opinjoni legali rreveduta fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE mingħajr ma tkun ta' oneru għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipju ta' smigħ xieraq

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tatha minn qabel il-possibbiltà li tippreżenta l-kummenti tagħha.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

## Appell ippreżentat fit-22 ta' April 2014 minn Jean-Pierre Bodson *et* mis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Frar 2014 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża 73/12, Bodson *et* vs BEI

**(Kawża T-240/14 P)**

(2014/C 223/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Jean-Pierre Bodson (Lussemburgu, il-Lussemburgu); Dalila Bundy (Cosnes-et-Romain, Franza); Didier Dulieu (Roussy-le-Village, Franza); Marie-Christel Heger (Nospelt, il-Lussemburgu); Evangelos Kourgias (Senningerberg, il-Lussemburgu); Manuel Sutil (il-Lussemburgu); Patrick Vanhoudt (Gonderange, il-Lussemburgu); u Henry von Blumenthal (Bergem, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Frar 2014 fil-Kawża F-73/12;

— konsegwentement, tagħti lill-appellanti l-benefiċċju tat-talbiet tagħhom fl-ewwel istanza u, għaldaqstant,

  — tannulla d-deċiżjonijiet li jiġu applikati għall-appellanti d-deċiżjoni tal-bord tad-diretturi tal-BEI tat-13 ta' Diċembru 2011 li tistabbilixxi progressjoni salarjali limitata għal 2,8 % u d-deċiżjoni tal-kumitat ta' tmexxija tal-BEI tal-14 ta' Frar 2012 li tiddefinixxi skeda ta' mertu li twassal għal telf ta' 1 % tas-salarju, deċiżjonijiet inklużi fid-dikjarazzjonijiet tas-salarju ta' April 2012, kif ukoll tannulla, sal-istess punt, id-deċiżjonijiet kollha inklużi fid-dikjarazzjonijiet tas-salarju suċċessivi;

  — għaldaqstant;

    — tikkundanna lill-appellat għall-ħlas tad-differenza fir-remunerazzjoni li tirriżulta mid-deċiżjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tal-bord tad-diretturi tal-BEI tat-13 ta' Diċembru 2011 u tal-kumitat ta' tmexxija tal-BEI tal-14 ta' Frar 2012 meta mqabbla mal-applikazzjoni tas-sistema preċedenti tas-salarju; din id-differenza fir-remunerazzjoni għandha tiżdied bl-interessi moratorji dekorribbli mit-12 ta' April 2012 u, sussegwentement, mit-12 ta' kull xahar, sal-clearance komplet, fejn dawn l-interessi jiġu stabbiliti fil-livell tar-rata tal-BĊE miżjuda bi 3 punti;

    — tikkundanna lill-appellat għall-ħlas tad-danni għall-preġudizzju subit minħabba t-telf tas-setgħa ta' xiri, dan il-preġudizzju huwa valutat *ex aequo et bono*, u b'mod provviżorju, għal 1,5 % tar-remunerazzjoni mensili ta' kull appellant;

  — tikkundanna lill-BEI għall-ispejjeż kollha;

— tikkundanna lill-appellata għall-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw erba' aggravji.

1. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur tad-differenza tan-natura bejn ir-relazzjoni ta' impjieg b'kuntratt u r-relazzjoni ta' impjieg statutorju, fuq ksur tal-kundizzjonijiet fundamentali tar-relazzjoni ta' impjieg u fuq ksur tal-klassifikazzjoni legali tal-memorandum ta' qbil.

2. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq kontradizzjoni fis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u fuq żnaturament tal-proċess.

3. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' nuqqas ta' retroattività u ta' prevedibbiltà, kif ukoll fuq żnaturament tal-proċess.

4. Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-istħarriġ tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni u tal-obbligu ta' motivazzjoni.

---

## Appell ippreżentat fit-22 ta' April 2014 minn Jean-Pierre Bodson *et* mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fit-12 ta' Frar 2014 fil-Kawża F-83/12 – Bodson *et* vs BEI

**(Kawża T-241/14 P)**

(2014/C 223/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Jean-Pierre Bodson (Lussemburgu, il-Lussemburgu); Dalila Bundy (Cosnes-et-Romain, Franza); Didier Dulieu (Roussy-le-Village, Franza); Marie-Christel Heger (Nospelt, il-Lussemburgu); Evangelos Kourgias (Senningerberg, il-Lussemburgu); Manuel Sutil (il-Lussemburgu); Patrick Vanhoudt (Gonderange, il-Lussemburgu); u Henry von Blumenthal (Bergem, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, tat-12 ta' Frar 2014, fil-Kawża F-83/12;

— konsegwentement, tagħti lill-appellanti l-benefiċċju tat-talbiet tagħhom tal-ewwel istanza u, għaldaqstant,

— tannulla d-deċiżjonijiet li għandu japplika għall-appellanti bonus b'applikazzjoni tas-sistema l-ġdida ta' prestazzjonijiet kif tirriżulta mid-deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru 2010 tal-Bord tad-Diretturi u tad-deċiżjonijiet tad-9 ta' Novembru 2010 u tas-16 ta' Novembru 2011 tal-Kumitat tat-Tmexxija, id-deċiżjoni individwali ta' applikazzjoni li tinsab fir-rendikont ta' April 2012, miġjuba għall-konjizzjoni tal-persuni kkonċernati mhux iktar kmieni mit-22 ta' April 2012;

— għaldaqstant,

— tikkundanna lill-appellat għall-ħlas tad-differenza fir-remunerazzjoni li tirriżulta mid-deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru 2010 tal-Bord tad-Diretturi u tad-deċiżjonijiet tad-9 ta' Novembru 2010 u tas-16 ta' Novembru 2011 b'paragun mal-applikazzjoni tas-sistema preċedenti ta' bonus; din id-differenza ta' remunerazzjoni għandha tiġi miżjuda b'interessi moratorji li jiddekorru b'effett mit-22 ta' April 2012 sal-clearance komplet, peress li dawn l-interessi huma stabbilti fil-livell tar-rata tal-BĊE miżjuda b'3 punti;

— tikkundanna lill-appellat għall-ħlas ta' danni għall-ħsara subita minħabba t-telf tal-kapaċità ta' akkwist, din il-ħsara li qed tkun evalwata *ex aequo et bono*, u provviżorjament, għal 1,5 % tar-remunerazzjoni fix-xahar ta' kull appellant;

— jekk ikun il-każ, fin-nuqqas tal-appellat milli jipproduċihom spontanjament, skont il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, tistieden lill-appellat li jipproduċi d-dokumenti li ġejjin:

— il-minuti tal-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI tat-13 ta' Diċembru 2011;

— l-abbozzi stabbiliti mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani bid-dati tat-22 ta' Ġunju 2011 (RH/P&O/2011-119), tal-20 ta' Ottubru 2011 (RH/P&O/2011-74) u tal-25 ta' Jannar 2012;

— tikkundanna lill-appellat għall-ispejjeż kollha;

— tikkundanna lill-appellat għall-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw ħames aggravji.

1. L-ewwel aggravju bbażat fuq irregolarità tal-proċedura sa fejn it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku rrifjuta li jipproċedi għall-miżuri ta' organizzazzjoni mitluba mill-appellanti.

2. It-tieni aggravju bbażat fuq ksur tad-differenza fin-natura bejn ir-relazzjoni ta' impjieg kuntrattwali u r-relazzjoni ta' impjieg skont ir-Regolamenti tal-Persunal, ksur tal-kundizzjonijiet fundamentali tar-relazzjoni ta' impjieg, ksur tal-klassifikazzjoni legali tal-Protokoll ta' ftehim, żnaturament tal-proċess u ksur mill-qorti tal-obbligu tagħha ta' motivazzjoni.

3. It-tielet aggravju bbażat fuq ksur tad-drittijiet miksuba u tal-aspettattivi leġittimi, kif ukoll fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

4. Ir-raba' aggravju bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' nuqqas ta' retroattività u ta' prevedibbiltà, kif ukoll fuq ksur tad-dmir ta' premura u tal-obbligu ta' motivazzjoni.

5. Il-ħames aggravju bbażat fuq ksur tal-istħarriġ taż-żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq żnaturament tal-kontenut tal-proċess.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta’ April 2014 – Il-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-258/14)**

(2014/C 223/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentanti: L. Delvaux, aġent, assistit minn P.-E. Partsch, A. Steichen, D. Waelbroeck, avukati, u D. Slater, solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta’ Marzu 2014 li tordna lil-Lussemburgu jipprovdi informazzjoni dwar il-prattika ta’ deċiżjonijiet antiċipattivi fil-qasam fiskali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz ta’ dan ir-rikors, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2014) 1986 finali li permezz tagħha hija ordnat lir-rikorrent, abbażi tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 659/1999 ([1]), jipprovdi l-lista kompleta ta’ deċiżjonijiet antiċipattivi mogħtija fl-2010, fl-2011 u fl-2012 lil impriżi Lussemburgiżi li jiffurmaw parti minn grupp jew minn struttura legali li tinvolvi impriża jew diversi impriżi li jinsabu barra mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Insostenn tar-rikors tiegħu ir-rikorrent jinvoka erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 659/1999 u tad-drittijiet tad-difiża, sa fejn il-Kummissjoni ma għandiex il-minimu ta’ informazzjoni meħtieġa sabiex tiġġustifika t-talbiet ta’ informazzjoni li jinsabu fl-inġunzjoni, filwaqt li s-setgħat ta’ investigazzjoni tagħha huma suġġetti għar-rekwiżit li jkollha, minn qabel, informazzjoni fattwali u oġettiva suffiċjenti li tkun tali li tagħti lok għal suspett raġonevoli dwar l-eżistenza ta’ ksur. Ir-rikorrent isostni li b’dan il-mod il-Kummissjoni qed tagħmel “talba esplorattiva għall-informazzjoni”vera u proprja li hija inkompatibbli mad-drittijiet tad-difiża.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, sa fejn i) ma hemmx relazzjoni bejn l-informazzjoni li l-Kummissjoni diġà għandha u n-natura u l-portata tal-informazzjoni mitluba mingħand ir-rikorrent u sa fejn ii) l-inġunżjoni ta’ informazzjoni tmur lil hinn mil-limiti ta’ dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħqu l-objettivi mfittxa mill-Kummissjoni.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni suffiċjenti, peress li l-Kummissjoni la esponiet ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-inġunzjoni kkontestata u lanqas ma indikat b’mod ċar il-preżunzjonijiet li hija trid tivverifika.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 4 u 5 TUE u fuq in-nuqqas ta’ osservanza tal-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta’ Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

**Rikors ippreżentat fl-24 ta’ April 2014 – Il-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-259/14)**

(2014/C 223/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentanti: L. Delvaux, aġent, assistit minn P. E. Partsch, A. Steichen, D. Waelbroeck, avukati, u D. Slater, solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2014 li tordna lill- Lussemburgu sabiex jipprovdi informazzjoni dwar is-sistema ta' tassazzjoni mid-dħul tal-proprjetà intellettwali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2014) 1987 finali li permezz tagħha hija tordna lir-rikorrent, skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament 659/1999 ([1]), sabiex jipprovdi informazzjoni dwar is-sistema ta' tassazzjoni mid-dħul tal-proprjetà intellettwali.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-258/14, Il-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-trattat dwar il-funzjonament tal-unjoni Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' April 2014 – Vattenfall Europe Mining *et* vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-260/14)

(2014/C 223/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Vattenfall Europe Mining AG (Cottbus, il-Ġermanja), Vattenfall Europe Sales GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) u Vattenfall GmbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Karpenstein u C. Johann, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla, skont l-Artikolu 264 TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013 fil-Każ dwar l-għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) – Il-Ġermanja: Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, C (2013) 4424 finali;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

   Permezz tal-ewwel motiv tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni żbaljat meta kkunsidrat bħala allokazzjoni ta' "riżorsi tal-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE l-pagamenti previsti fil-kuntest tal-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG").

   — Fin-nuqqas ta' allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat, il-fatt li vantaġġ jirriżulta minn liġi ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li hemm għajnuna. Fir-rigward tas-soprataxxa EEG, ma jistax jingħad li hemm l-allokazzjoni neċessarja ta' riżorsi tal-Istat peress li din titħallas biss minn persuni privati u peress li r-riżorsi miġbura ma jistgħux jiġi attribwiti lill-Istat minħabba li ma hemmx kontroll permanenti u, għalhekk, minħabba li ma hemmx il-kapaċità li jiġi eżerċitat kontroll f'dan ir-rigward.

— F'dan is-sens, huwa eskluż kwalunkwe kontroll mill-Istat fuq is-soprataxxa EEG stess peress li l-ammont tagħha ma huwiex iddeterminat mill-awtoritajiet Statali iżda huwa ddeterminat mill-prezz tal-elettriku fuq il-borża tal-elettriku u mill-volum tal-elettriku prodott minn enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, fil-ħames livell tal-mekkaniżmu ta' kumpens previst fl-EEG, l-Istat ma għandux il-possibbiltà li jinfluwenza r-relazzjoni bejn il-fornitur tal-enerġija u l-utent finali. F'dan il-każ, it-trasferiment tal-ispejjeż isir f'kuntest ta' relazzjoni rregolata esklużivament mid-dritt privat.

— Minħabba r-relazzjoni mill-qrib bejn il-klassifikazzjoni tas-soprataxxa EEG u t-tnaqqis tas-soprataxxa għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija, il-kontroll neċessarju min-naħa tal-Istat huwa nieqes ukoll fir-rigward tal-hekk imsejħa skema ta' kumpens speċjali prevista fl-EEG. Lanqas jista' jingħad li hemm tali kontroll fuq il-bażi tal-fatt li d-deċiżjoni dwar il-kontroll tittieħed mill-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni) peress li dan l-uffiċċju għandu kompitu esklużivament ta' sorveljanza u deklaratorju.

— Barra minn hekk, permezz tat-tnaqqis tas-soprataxxa għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija, l-Istat ma huwiex qiegħed jirrinunzja għal riżorsi li normalment kien ikun jista' jikseb. Minħabba l-istruttura partikolari tal-mekkaniżmu ta' kumpens previst fl-EEG, it-tnaqqis tas-soprtaxxa ma jimplika ebda tnaqqis fl-ammont tad-dħul totali mis-soprataxxa EEG. It-tnaqqis tas-soprataxxa għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija huwa fil-fatt ikkumpensat permezz ta' soprataxxa b'ammont ogħla għal kull kilowott fis-siegħa ta' elettriku kkunsinnat lill-utenti finali li ma humiex ipprivileġġati.

2. It-tieni motiv: assenza ta' vantaġġ selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

Permezz tat-tieni motiv, ir-rikorrenti jsostnu li, għall-kuntrarju tal-opinjoni tal-Kummissjoni, l-hekk imsejħa skema ta' kumpens speċjali tal-EEG ma tipprevedi ebda vantaġġ selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Id-differenzazzjoni bejn utenti intensivi tal-enerġija u utenti mhux intensivi tal-enerġija hija bbażata fuq il-loġika tal-iskema tas-soprtaxxa EEG u għalhekk, *a priori*, ma hijiex selettiva. It-tnaqqis tas-soprataxxa għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija jikkumpensa biss l-iżvantaġġi partikolari li jirriżultaw għal dawn l-impriżi mis-soprataxxa EEG, li l-ammont tagħha jiddependi mill-konsum.

3. It-tielet motiv: assenza ta' (riskju ta') distorsjoni tal-kompetizzjoni jew ta' impatt fuq il-kummerċ

Permezz tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema ta' kumpens speċjali la toħloq distorsjoni u lanqas tirrappreżenta riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, u ma għandha ebda impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2014 – Hydro Aluminium Rolled Products *et* vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-263/14)

(2014/C 223/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Hydro Aluminium Rolled Products GmbH (Grevenbroich, il-Ġermanja), Aluminium Norf GmbH (Neuss, il-Ġermanja) u Trimet Aluminium SE (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: U. Karpenstein u C. Johann, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla, skont l-Artikolu 264 TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013 fil-Każ dwar l-għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) – Il-Ġermanja: Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, C (2013) 4424 finali;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta’ riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

Permezz tal-ewwel motiv tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni żbaljat meta kkunsidrat bħala allokazzjoni ta’ “riżorsi tal-Istat” fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE l-pagamenti previsti fil-kuntest tal-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar ’il quddiem l-“EEG”).

— Il-Kummissjoni żbaljat meta assumiet li l-pagamenti previsti fil-kuntest tal-EEG twettqu permezz ta’ allokazzjoni ta’ “riżorsi tal-Istat” fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

— Is-soprataxxa EEG titħallas biss minn persuni privati. Barra minn hekk, ir-riżorsi miġbura lanqas ma jistgħu jiġu attribwiti lill-Istat. La fir-rigward tas-soprataxxa EEG stess u lanqas fir-rigward tat-tnaqqis tagħha favur l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma hemm kontroll permanenti u neċessarju min-naħa tal-Istat u, għalhekk, lanqas ma hemm il-kapaċità effettiva tal-awtoritajiet li jeżerċitaw kontroll f’dan ir-rigward.

— Fi kwalunkwe każ, it-tnaqqis tas-soprataxxa għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma jwassalx għal rinunzja għal dħul li normalment kien ikun jista’ jikseb l-Istat. Dan it-tnaqqis huwa ffinanzjat esklużivament minn riżorsi privati, jiġifieri permezz ta’ soprataxxa b’ammont ogħla għal kull kilowott fis-siegħa ta’ elettriku kkunsinnat lill-utenti finali li ma humiex ipprivileġġati. Għaldaqstant, l-hekk imsejħa skema ta’ kumpens speċjali ma taffettwax l-ammont tad-dħul totali mis-soprataxxa EEG iżda taffettwa biss id-distribuzzjoni interna tal-oneri korrispondenti.

2. It-tieni motiv: assenza ta’ vantaġġ selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

Permezz tat-tieni motiv, ir-rikorrenti jsostnu li, għall-kuntrarju tal-opinjoni tal-Kummissjoni, l-hekk imsejħa skema ta’ kumpens speċjali tal-EEG ma tipprevedi ebda vantaġġ selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Id-differenzazzjoni bejn utenti intensivi tal-enerġija u utenti mhux intensivi tal-enerġija hija bbażata fuq il-loġika tal-iskema tas-soprtaxxa EEG u għalhekk, *a priori*, ma hijiex selettiva.

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta’ April 2014 – Schumacher Packaging vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-265/14)

(2014/C 223/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Schumacher Packaging GmbH (Schwarzenberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Janssen u G. Engel, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta’ Diċembru 2013 fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE peress li s-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar ’il quddiem l-“EEG”) u l-iskema ta’ kumpens speċjali ma jinvolvu ebda allokazzjoni ta’ riżorsi tal-Istat jew ta’ riżorsi kkontrollati mill-Istat. Il-fatti kollha rilevanti għall-klassifikazzjoni ta’ dawn il-miżuri kienu stabbiliti fil-kuntest ta’ proċedimenti preliminari bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ma kien fadal ebda dubji li kienu jeħtieġu determinazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest ta’ proċedimenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]).

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-prinċipju ta' ċertezza legali

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 108(1) TFUE u l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn, sabiex tivverifika l-evalwazzjoni preliminari tagħha tal-EEG bħala għajnuna, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna ġdida skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999 minflok il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 *et seq* tar-Regolament Nru 659/1999. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni b'mod partikolari li, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Meta kkunsidrati fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-bidliet mill-EEG 2000 għall-EEG 2012 ma kinux sostanzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet tesprimi opinjoni legali rreveduta fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE mingħajr ma tkun ta' oneru għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipju ta' smigħ xieraq

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tatha minn qabel il-possibbiltà li tippreżenta l-kummenti tagħha.

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Grupa Azoty ATT Polymers vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-270/14)

(2014/C 223/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Grupa Azoty ATT Polymers GmbH (Guben, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Janssen u S. Kobes, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013 fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE peress li s-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u l-iskema ta' kumpens speċjali ma jinvolvu ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat jew ta' riżorsi kkontrollati mill-Istat. Il-fatti kollha rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' dawn il-miżuri kienu stabbiliti fil-kuntest ta' proċedimenti preliminari bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ma kien fadal ebda dubji li kienu jeħtieġu determinazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [1].

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-prinċipju ta' ċertezza legali

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 108(1) TFUE u l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn, sabiex tivverifika l-evalwazzjoni preliminari tagħha tal-EEG bħala għajnuna, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna ġdida skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999 minflok il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 *et seq* tar-Regolament Nru 659/1999. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni b'mod partikolari li, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Meta kkunsidrati fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-bidliet mill-EEG 2000 għall-EEG 2012 ma kinux sostanzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet tesprimi opinjoni legali rreveduta fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE mingħajr ma tkun ta' oneru għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipju ta' smigħ xieraq

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tatha minn qabel il-possibbiltà li tippreżenta l-kummenti tagħha.

---

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Styron Deutschland vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-271/14)

(2014/C 223/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Styron Deutschland GmbH (Schkopau, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Janssen u S. Kobes, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013 fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE peress li s-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u l-iskema ta' kumpens speċjali ma jinvolvu ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat jew ta' riżorsi kkontrollati mill-Istat. Il-fatti kollha rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' dawn il-miżuri kienu stabbiliti fil-kuntest ta' proċedimenti preliminari bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ma kien fadal ebda dubji li kienu jeħtieġu determinazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [1].

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-prinċipju ta' ċertezza legali

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 108(1) TFUE u l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn, sabiex tivverifika l-evalwazzjoni preliminari tagħha tal-EEG bħala għajnuna, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna ġdida skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999 minflok il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 *et seq* tar-Regolament Nru 659/1999. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni b'mod partikolari li, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Meta kkunsidrati fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-bidliet mill-EEG 2000 għall-EEG 2012 ma kinux sostanzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet tesprimi opinjoni legali rreveduta fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE mingħajr ma tkun ta' oneru għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipju ta' smigħ xieraq

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tatha minn qabel il-possibbiltà li tippreżenta l-kummenti tagħha.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – P-D Glasseiden *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-272/14)**

(2014/C 223/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* P-D Glasseiden GmbH Oschatz (Oschatz, il-Ġermanja), P-D Interglas Technologies GmbH (Erbach, il-Ġermanja), P-D Industriegesellschaft mbH, Glasfaser Brattendorf (Wilsdruff STT Grumbach, il-Ġermanja) u Glashütte Freital GmbH (Freital, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Janssen u G. Engel, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013 fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE peress li s-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u l-iskema ta' kumpens speċjali ma jinvolvu ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat jew ta' riżorsi kkontrollati mill-Istat. Il-fatti kollha rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' dawn il-miżuri kienu stabbiliti fil-kuntest ta' proċedimenti preliminari bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ma kien fadal ebda dubji li kienu jeħtieġu determinazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]).

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-prinċipju ta’ ċertezza legali

— Fil-kuntest ta’ dan il-motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 108(1) TFUE u l-prinċipju ta’ ċertezza legali sa fejn, sabiex tivverifika l-evalwazzjoni preliminari tagħha tal-EEG bħala għajnuna, applikat il-proċedura fir-rigward ta’ għajnuna ġdida skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999 minflok il-proċedura fir-rigward ta’ għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 *et seq* tar-Regolament Nru 659/1999. F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu b’mod partikolari li, permezz ta’ deċiżjoni tat-22 ta’ Mejju 2002, il-Kummissjoni ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta’ riżorsi tal-Istat. Meta kkunsidrati fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Mejju 2002, il-bidliet mill-EEG 2000 għall-EEG 2012 ma kinux sostanzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet tesprimi opinjoni legali rreveduta fil-kuntest ta’ proċedimenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE mingħajr ma tkun ta’ oneru għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipju ta’ smigħ xieraq

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-konvenuta adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tathom minn qabel il-possibbiltà li jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta’ Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta’ April 2014 – Lech-Stahlwerke vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-274/14)**

(2014/C 223/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Lech-Stahlwerke GmbH (Meitingen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke u T. Heymann, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 2014/C 37/07, tat-18 ta’ Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward tas-sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli u minn gass tal-minjieri skont il-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli), fil-verżjoni tagħha tal-25 ta’ Ottubru 2008, kif emendata bl-Artikolu 5 tal-Liġi tal-20 ta’ Diċembru 2012, u fir-rigward tat-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija, sa fejn din id-deċiżjoni tikklassifika t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija, bħalma hija r-rikorrenti, bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u sa fejn tiddikjaraha, b’mod preliminari, bħala inkompatibbli mas-suq intern;

— tikkundanna lill-konvenuta għal-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE – assenza ta’ għajnuna mill-Istat

— Ir-rikorrenti ssostni li l-mekkaniżmu ta’ sostenn previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar ’il quddiem l-“EEG”) b’mod ġenerali u, b’mod partikolari, l-iskema ta’ kumpens speċjali għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija ma jammontawx għal għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE peress li ma hemm ebda trasferiment dirett jew indirett ta’ riżorsi tal-Istat. Is-sostenn huwa ffinanzjat esklużivament minn riżorsi privati li fir-rigward tal-pagamenti tagħhom ma huwa eżerċitat ebda kontroll mill-awtoritajiet tal-Istat.

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE – assenza ta’ vantaġġ selettiv għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta’ kumpens speċjali ma tipprovdi ebda vantaġġ selettiv għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija. Minn naħa, l-impriżi ma jirċievu ebda vantaġġ li ma kinux jirċievu taħt kundizzjonijiet normali tas-suq peress li, f’dan il-każ, l-operaturi ta’ impjanti EEG li jiġġeneraw elettriku minn sorsi rinnovabbli jkollhom ibiegħu l-elettriku tagħhom bil-prezz tas-suq mingħajr ebda soprataxxa EEG. Min-naħa l-oħra, l-iskema ta’ kumpens speċjali tapplika għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku, jiġifieri l-uniċi impriżi li huma affettwati mir-riskju li jitilfu l-kompetittività tagħhom fuq livell internazzjonali minħabba s-soprataxxa EEG, mingħajr ebda distinzjoni fir-rigward tal-qasam tal-industrija tal-manifattura.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE – kompatibbiltà, fi kwalunkwe każ, mas-suq intern

— Anki jekk tikkostitwixxi għajnuna, l-iskema ta’ kumpens speċjali hija fi kwalunkwe każ manifestament kompatibbli mas-suq intern skont id-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat li jinsabu fl-Artikolu 107(3)(b) u (ċ) fid-dawl tal-għan ta’ interess ġenerali li jitħarsu l-ambjent u l-klima filwaqt li tkun żgurata ekonomija Ewropea sostenibbli u stabbli.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta’ April 2014 – Drahtwerk St. Ingbert *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-275/14)**

(2014/C 223/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Drahtwerk St. Ingbert GmbH (St. Ingbert, il-Ġermanja), DWK Drahtwerk Köln GmbH (Köln, il-Ġermanja), Kalksteingrube Auersmacher GmbH (Völklingen, il-Ġermanja), Rogesa Roheisengesellschaft Saar mbH (Dillingen, il-Ġermanja), Stahlguss Saar GmbH (St. Ingbert) u Zentralkokerei Saar GmbH (Dillingen) (rappreżentanti: S. Altenschmidt u H. Janssen, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta’ Diċembru 2013 fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE peress li s-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar ’il quddiem l-“EEG”) u l-iskema ta’ kumpens speċjali ma jinvolvu ebda allokazzjoni ta’ riżorsi tal-Istat jew ta’ riżorsi kkontrollati mill-Istat. Il-fatti kollha rilevanti għall-klassifikazzjoni ta’ dawn il-miżuri kienu stabbiliti fil-kuntest ta’ proċedimenti preliminari bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ma kien fadal ebda dubji li kienu jeħtieġu determinazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest ta’ proċedimenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]).

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-prinċipju ta' ċertezza legali

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 108(1) TFUE u l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn, sabiex tivverifika l-evalwazzjoni preliminari tagħha tal-EEG bħala għajnuna, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna ġdida skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999 minflok il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 *et seq* tar-Regolament Nru 659/1999. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu b'mod partikolari li, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Meta kkunsidrati fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-bidliet mill-EEG 2000 għall-EEG 2012 ma kinux sostanzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet tesprimi opinjoni legali rreveduta fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE mingħajr ma tkun ta' oneru għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipju ta' smigħ xieraq

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-konvenuta adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tathom minn qabel il-possibbiltà li jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Flachglas Torgau *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-276/14)**

(2014/C 223/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Flachglas Torgau GmbH (Torgau, il-Ġermanja), Saint-Gobain Isover G+H AG (Ludwigshafen am Rhein, il-Ġermanja) u Saint-Gobain Oberland AG (Bad Wurzach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Altenschmidt u H. Janssen, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013 fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE peress li s-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u l-iskema ta' kumpens speċjali ma jinvolvu ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat jew ta' riżorsi kkontrollati mill-Istat. Il-fatti kollha rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' dawn il-miżuri kienu stabbiliti fil-kuntest ta' proċedimenti preliminari bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ma kien fadal ebda dubji li kienu jeħtieġu determinazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [1].

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-prinċipju ta' ċertezza legali

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 108(1) TFUE u l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn, sabiex tivverifika l-evalwazzjoni preliminari tagħha tal-EEG bħala għajnuna, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna ġdida skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999 minflok il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 *et seq* tar-Regolament Nru 659/1999. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu b'mod partikolari li, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Meta kkunsidrati fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-bidliet mill-EEG 2000 għall-EEG 2012 ma kinux sostanzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet tesprimi opinjoni legali rreveduta fil-kuntest ta' proċedimenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE mingħajr ma tkun ta' oneru għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipju ta' smigħ xieraq

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-konvenuta adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tathom minn qabel il-possibbiltà li jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Sabic Polyolefine vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-279/14)**

(2014/C 223/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sabic Polyolefine GmbH (Gelsenkirchen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Arhold, N. Wimmer, F. Wesche, L. Petersen u T. Woltering, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikoli 107(1) TFUE u 108 TFUE minħabba klassifikazzjoni żbaljata tal-iskema ta' kumpens speċjali

— Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali tmur kontra l-Artikolu 107 (1) TFUE, l-Artikolu 108 TFUE u l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]), sa fejn is-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") ma tinvolvi ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat u t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija ma jinvolvi ebda rinunzja għal riżorsi tal-Istat.

— F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti targumenta li l-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq kriterji ta' delimitazzjoni ġodda li ma humiex kompatibbli mal-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza preċedenti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni injorat kompletament il-kriterju tal-kontroll konkret tal-awtoritajiet pubbliċi li, skont ġurisprudenza stabbilita, huwa neċessarju għall-klassifikazzjoni bħala riżorsi tal-Istat u kkunsidrat li huwa suffiċjenti li l-leġiżlatur tal-Istat ikollu impatt fuq il-pagamenti bejn persuni privati u li l-konformità ta' dawn il-persuni privati mar-rekwiżiti legali tiġi kkontrollata minn awtoritajiet regolatorji.

— Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija marbuta bid-deċiżjoni tagħha, li permezz tagħha ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, u għalhekk wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat l-EEG 2012 bħala skema ta' għajnuna ġdida stabbilita b'mod illegali.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni ma eżaminatx b'mod adegwat, u għaldaqstant lanqas ma rrikonoxxiet, li r-regoli dwar eżenzjonijiet għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija huma ġġustifikati mill-għan, min-natura u mill-istruttura interna tal-EEG 2012 u għalhekk ma jikkostitwixxux vantaġġ selettiv.

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament Nru 659/1999 minħabba li ma saritx proposta għal miżuri xierqa

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li, sabiex tevalwa l-EEG 2012, il-Kummissjoni kien imissha, fi kwalunkwe każ, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE u l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 659/1999 u, qabel ma fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, kien imissha għamlet proposta għal miżuri xierqa lill-Ġermanja, minflok ma esponiet lill-operaturi fis-suq għal riskji ekonomiċi kunsiderevoli permezz tal-klassifikazzjoni tal-EEG 2020 bħala għajnuna ġdida li ma kinitx ġiet innotifikata.

3. It-tielet motiv: ksur tad-dritt għal smigħ xieraq

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kien imissha tatha l-possibbiltà tesprimi l-pożizzjoni tagħha qabel ma adottat deċiżjoni b'konsegwenzi legali daqstant serji.

4. Ir-raba' motiv: motivazzjoni insuffiċjenti

— Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali ma tipprovdix motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-punti essenzjali.

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

## Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Ineos Manufacturing Deutschland *et* vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-280/14)

(2014/C 223/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ineos Manufacturing Deutschland GmbH (Köln, il-Ġermanja), Ineos Phenol GmbH (Gladbeck, il-Ġermanja) u Ineos Vinyls Deutschland GmbH (Wilhelmshaven, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Arhold, N. Wimmer, F. Wesche, L. Petersen u T. Woltering, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikoli 107(1) TFUE u 108 TFUE minħabba klassifikazzjoni żbaljata tal-iskema ta' kumpens speċjali

   — Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali tmur kontra l-Artikolu 107 (1) TFUE, l-Artikolu 108 TFUE u l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]), sa fejn is-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") ma tinvolvi ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat u t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija ma jinvolvi ebda rinunzja għal riżorsi tal-Istat.

   — F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti jargumentaw li l-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq kriterji ta' delimitazzjoni ġodda li ma humiex kompatibbli mal-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza preċedenti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni injorat kompletament il-kriterju tal-kontroll konkret tal-awtoritajiet pubbliċi li, skont ġurisprudenza stabbilita, huwa neċessarju għall-klassifikazzjoni bħala riżorsi tal-Istat u kkunsidrat li huwa suffiċjenti li l-leġiżlatur tal-Istat ikollu impatt fuq il-pagamenti bejn persuni privati u li l-konformità ta' dawn il-persuni privati mar-rekwiżiti legali tiġi kkontrollata minn awtoritajiet regolatorji.

   — Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija marbuta bid-deċiżjoni tagħha, li permezz tagħha ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, u għalhekk wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat l-EEG 2012 bħala skema ta' għajnuna ġdida stabbilita b'mod illegali.

   — Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-Kummissjoni ma eżaminatx b'mod adegwat, u għaldaqstant lanqas ma rrikonoxxiet, li r-regoli dwar eżenzjonijiet għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija huma ġġustifikati mill-għan, min-natura u mill-istruttura interna tal-EEG 2012 u għalhekk ma jikkostitwixxux vantaġġ selettiv.

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament Nru 659/1999 minħabba li ma saritx proposta għal miżuri xierqa

   — Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jsostnu li, sabiex tevalwa l-EEG 2012, il-Kummissjoni kien imissha, fi kwalunkwe każ, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE u l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 659/1999 u, qabel ma fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, kien imissha għamlet proposta għal miżuri xierqa lill-Ġermanja, minflok ma esponiet lill-operaturi fis-suq għal riskji ekonomiċi kunsiderevoli permezz tal-klassifikazzjoni tal-EEG 2020 bħala għajnuna ġdida li ma kinitx ġiet innotifikata.

3. It-tielet motiv: ksur tad-dritt għal smigħ xieraq

   — Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kien imissha tathom il-possibbiltà jesprimu l-pożizzjoni tagħhom qabel ma adottat deċiżjoni b'konsegwenzi legali daqstant serji.

4. Ir-raba' motiv: motivazzjoni insuffiċjenti

   — Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali ma tipprovdix motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-punti essenzjali.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Fels-Werke vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-281/14)**

(2014/C 223/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fels-Werke GmbH (Goslar, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Arhold, N. Wimmer, F. Wesche, L. Petersen u T. Woltering)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-Każ dwar Ghajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikoli 107(1) TFUE u 108 TFUE minħabba klassifikazzjoni żbaljata tal-iskema ta' kumpens speċjali

 — Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali tmur kontra l-Artikolu 107 (1) TFUE, l-Artikolu 108 TFUE u l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]), sa fejn is-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") ma tinvolvi ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat u t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija ma jinvolvi ebda rinunzja għal riżorsi tal-Istat.

 — F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti targumenta li l-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq kriterji ta' delimitazzjoni ġodda li ma humiex kompatibbli mal-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza preċedenti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni injorat kompletament il-kriterju tal-kontroll konkret tal-awtoritajiet pubbliċi li, skont ġurisprudenza stabbilita, huwa neċessarju għall-klassifikazzjoni bħala riżorsi tal-Istat u kkunsidrat li huwa suffiċjenti li l-leġiżlatur tal-Istat ikollu impatt fuq il-pagamenti bejn persuni privati u li l-konformità ta' dawn il-persuni privati mar-rekwiżiti legali tiġi kkontrollata minn awtoritajiet regolatorji.

 — Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija marbuta bid-deċiżjoni tagħha, li permezz tagħha ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, u għalhekk wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat l-EEG 2012 bħala skema ta' għajnuna ġdida stabbilita b'mod illegali.

 — Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni ma eżaminatx b'mod adegwat, u għaldaqstant lanqas ma rrikonoxxiet, li r-regoli dwar eżenzjonijiet għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija huma ġġustifikati mill-għan, min-natura u mill-istruttura interna tal-EEG 2012 u għalhekk ma jikkostitwixxux vantaġġ selettiv.

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament Nru 659/1999 minħabba li ma saritx proposta għal miżuri xierqa

 — Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li, sabiex tevalwa l-EEG 2012, il-Kummissjoni kien imissha, fi kwalunkwe każ, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE u l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 659/1999 u, qabel ma fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, kien imissha għamlet proposta għal miżuri xierqa lill-Ġermanja, minflok ma esponiet lill-operaturi fis-suq għal riskji ekonomiċi kunsiderevoli permezz tal-klassifikazzjoni tal-EEG 2020 bħala għajnuna ġdida li ma kinitx ġiet innotifikata.

3. It-tielet motiv: ksur tad-dritt għal smigħ xieraq

 — Ir-rikorrenti ssostni wkoll li, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kien imissha tatha l-possibbiltà tesprimi l-pożizzjoni tagħha qabel ma adottat deċiżjoni b'konsegwenzi legali daqstant serji.

4. Ir-raba' motiv: motivazzjoni insuffiċjenti

 — Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali ma tipprovdix motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-punti essenzjali.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Bayer MaterialScience vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-282/14)**

(2014/C 223/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Bayer MaterialScience AG (Leverkusen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Arhold, N. Wimmer, F. Wesche, L. Petersen u T. Woltering, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-Każ dwar Ghajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikoli 107(1) TFUE u 108 TFUE minħabba klassifikazzjoni żbaljata tal-iskema ta' kumpens speċjali

   — Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali tmur kontra l-Artikolu 107 (1) TFUE, l-Artikolu 108 TFUE u l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [1], sa fejn is-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") ma tinvolvi ebda allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat u t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija ma jinvolvi ebda rinunzja għal riżorsi tal-Istat.

   — F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti targumenta li l-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq kriterji ta' delimitazzjoni ġodda li ma humiex kompatibbli mal-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza preċedenti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni injorat kompletament il-kriterju tal-kontroll konkret tal-awtoritajiet pubbliċi li, skont ġurisprudenza stabbilita, huwa neċessarju għall-klassifikazzjoni bħala riżorsi tal-Istat u kkunsidrat li huwa suffiċjenti li l-leġiżlatur tal-Istat ikollu impatt fuq il-pagamenti bejn persuni privati u li l-konformità ta' dawn il-persuni privati mar-rekwiżiti legali tiġi kkontrollata minn awtoritajiet regolatorji.

   — Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija marbuta bid-deċiżjoni tagħha, li permezz tagħha ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, u għalhekk wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat l-EEG 2012 bħala skema ta' għajnuna ġdida stabbilita b'mod illegali.

   — Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni ma eżaminatx b'mod adegwat, u għaldaqstant lanqas ma rrikonoxxiet, li r-regoli dwar eżenzjonijiet għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija huma ġġustifikati mill-għan, min-natura u mill-istruttura interna tal-EEG 2012 u għalhekk ma jikkostitwixxux vantaġġ selettiv.

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament Nru 659/1999 minħabba li ma saritx proposta għal miżuri xierqa

   — Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li, sabiex tevalwa l-EEG 2012, il-Kummissjoni kien imissha, fi kwalunkwe każ, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE u l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 659/1999 u, qabel ma fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, kien imissha għamlet proposta għal miżuri xierqa lill-Ġermanja, minflok ma esponiet lill-operaturi fis-suq għal riskji ekonomiċi kunsiderevoli permezz tal-klassifikazzjoni tal-EEG 2020 bħala għajnuna ġdida li ma kinitx ġiet innotifikata.

3. It-tielet motiv: ksur tad-dritt għal smigħ xieraq

   — Ir-rikorrenti ssostni wkoll li, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kien imissha tatha l-possibbiltà tesprimi l-pożizzjoni tagħha qabel ma adottat deċiżjoni b'konsegwenzi legali daqstant serji.

4. Ir-raba’ motiv: motivazzjoni insuffiċjenti

— Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali ma tipprovdix motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-punti essenzjali.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta’ Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

## Rikors ippreżentat fit-30 ta’ April 2014 – Advansa *et* vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-283/14)

(2014/C 223/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Advansa GmbH (Hamm, il-Ġermanja), Akzo Nobel Industrial Chemicals GmbH (Ibbenbüren, il-Ġermanja), Aurubis AG (Hamburg, il-Ġermanja), CABB GmbH (Gersthofen, il-Ġermanja), CBW Chemie GmbH Bitterfeld-Wolfen (Bitterfeld-Wolfen, il-Ġermanja), CFB Chemische Fabrik Brunsbüttel GmbH & Co. KG (Bitterfeld-Wolfen), Clariant Produkte (Deutschland) GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja), Dow Olefinverbund GmbH (Schkopau, il-Ġermanja), Dow Deutschland Anlagengesellschaft mbH (Stade, il-Ġermanja), Dralon GmbH (Dormagen, il-Ġermanja), Ems-Chemie (Neumünster) GmbH & Co. KG (Neumünster, il-Ġermanja), Hahl Filaments GmbH (Munderkingen, il-Ġermanja), ISP Marl GmbH (Marl, il-Ġermanja), Messer Produktionsgesellschaft mbH Siegen (Bad Soden am Taunus, il-Ġermanja), Messer Produktionsgesellschaft mbH Salzgitter (Bad Soden am Taunus), Nabaltec AG (Schwandorf, il-Ġermanja), Siltronic AG (München, il-Ġermanja), Trevira GmbH (Bobingen, il-Ġermanja), Wacker Chemie AG (München, il-Ġermanja) u Westfalen Industriegase GmbH (Münster, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Arhold, N. Wimmer, F. Wesche, L. Petersen u T. Woltering, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta’ Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikoli 107(1) TFUE u 108 TFUE minħabba klassifikazzjoni żbaljata tal-iskema ta’ kumpens speċjali

— Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali tmur kontra l-Artikolu 107 (1) TFUE, l-Artikolu 108 TFUE u l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]), sa fejn is-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar ’il quddiem l-“EEG”) ma tinvolvi ebda allokazzjoni ta’ riżorsi tal-Istat u t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija ma jinvolvi ebda rinunzja għal riżorsi tal-Istat.

— F’dan il-kuntest, ir-rikorrenti jargumentaw li l-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq kriterji ta’ delimitazzjoni ġodda li ma humiex kompatibbli mal-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza preċedenti. B’mod partikolari, il-Kummissjoni injorat kompletament il-kriterju tal-kontroll konkret tal-awtoritajiet pubbliċi li, skont ġurisprudenza stabbilita, huwa neċessarju għall-klassifikazzjoni bħala riżorsi tal-Istat u kkunsidrat li huwa suffiċjenti li l-leġiżlatur tal-Istat ikollu impatt fuq il-pagamenti bejn persuni privati u li l-konformità ta’ dawn il-persuni privati mar-rekwiżiti legali tiġi kkontrollata minn awtoritajiet regolatorji.

— Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija marbuta bid-deċiżjoni tagħha, li permezz tagħha ma kklassifikatx l-EEG 2000 bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, minħabba li ma kien hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, u għalhekk wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat l-EEG 2012 bħala skema ta' għajnuna ġdida stabbilita b'mod illegali.

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-Kummissjoni ma eżaminatx b'mod adegwat, u għaldaqstant lanqas ma rrikonoxxiet, li r-regoli dwar eżenzjonijiet għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija huma ġġustifikati mill-għan, min-natura u mill-istruttura interna tal-EEG 2012 u għalhekk ma jikkostitwixxux vantaġġ selettiv.

2. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament Nru 659/1999 minħabba li ma saritx proposta għal miżuri xierqa

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jsostnu li, sabiex tevalwa l-EEG 2012, il-Kummissjoni kien imissha, fi kwalunkwe każ, applikat il-proċedura fir-rigward ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE u l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 659/1999 u, qabel ma fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, kien imissha għamlet proposta għal miżuri xierqa lill-Ġermanja, minflok ma esponiet lill-operaturi fis-suq għal riskji ekonomiċi kunsiderevoli permezz tal-klassifikazzjoni tal-EEG 2020 bħala għajnuna ġdida li ma kinitx ġiet innotifikata.

3. It-tielet motiv: ksur tad-dritt għal smigħ xieraq

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kien imissha tathom il-possibbiltà jesprimu l-pożizzjoni tagħhom qabel ma adottat deċiżjoni b'konsegwenzi legali daqstant serji.

4. Ir-raba' motiv: motivazzjoni insuffiċjenti

— Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali ma tipprovdix motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-punti essenzjali.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Wirtschaftsvereinigung Stahl *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-285/14)**

(2014/C 223/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Wirtschaftsvereinigung Stahl (Düsseldorf, il-Ġermanja), Benteler Steel/Tube GmbH (Paderborn), BGH Edelstahl Freital GmbH (Freital), BGH Edelstahl Siegen GmbH (Siegen), BGH Edelstahl Lippendorf GmbH (Lippendorf), Buderus Edelstahl Schmiedetechnik GmbH (Wetzlar), ESF Elbe-Stahlwerke Feralpi GmbH (Riesa), Friedr. Lohmann GmbH Werk für Spezial- & Edelstähle (Witten), Outokumpu Nirosta GmbH (Krefeld), Peiner Träger GmbH (Peine), ThyssenKrupp Steel Europe AG (Duisburg), ThyssenKrupp Rasselstein GmbH (Andernach), ThyssenKrupp Electrical Steel GmbH (Gelsenkirchen), Pruna Betreiber GmbH (Grünwald), ThyssenKrupp Gerlach GmbH (Homburg), ThyssenKrupp Federn und Stabilisatoren GmbH (Hagen), Salzgitter Mannesmann Rohr Sachsen GmbH (Zeithain), HSP Hoesch Spundwand und Profil GmbH (Dortmund), Salzgitter Mannesmann Grobblech GmbH (Mülheim an der Ruhr), Mülheim Pipecoatings GmbH (Mülheim an der Ruhr), Salzgitter Mannesmann Stainless Tubes Deutschland GmbH (Remscheid), Salzgitter Hydroforming GmbH & Co. KG (Crimmitschau), Salzgitter Mannesmann Line Pipe GmbH (Siegen), Ilsenburger Grobblech GmbH (Ilsenburg) (rappreżentanti: A. Reuter, C. Arhold, N. Wimmer, F.-A. Wesche, K. Kindereit, R. Busch, A. Hohler u T. Woltering, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa mnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija (ĠU C 37, p. 73, 7 ta' Frar 2014);

— tordna t-tgħaqqid ta' din il-kawża mal-kawża mressqa mill-Ġermanja quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata (rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2014);

sussidjarjament: tikkonsulta l-atti tal-imsemmija kawża dwar ir-rikors ippreżentat mill-Ġermanja;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw disa' motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta' vantaġġ

   — Ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema ta' kumpens speċjali prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") ma timplika ebda vantaġġ għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku fl-industrija tal-azzar, b'mod ġenerali, u, b'mod partikolari, għar-rikorrenti bin-numri 2 sa 24.

2. It-tieni motiv: assenza ta' vantaġġ selettiv

   — Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema ta' kumpens speċjali ma tipprevedi ebda vantaġġ selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: assenza ta' allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat

   — Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali ma hijiex għajnuna "mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

4. Ir-raba' motiv: assenza ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni

   — Ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema ta' kumpens speċjali ma toħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

5. Il-ħames motiv: assenza ta' impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri

   — Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma għandha impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6. It-sitt motiv: tneħħija jew limitazzjoni sostanzjali tal-iskema ta' kumpens speċjali jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti

   — Ir-rikorrenti jsostnu li l-klassifikazzjoni tal-iskema ta' kumpens speċjali bħala għajnuna jew limitazzjoni sostanzjali tal-iskema ta' kumpens speċjali mhux biss imorru lil hinn mil-limiti tal-Artikolu 107 TFUE kif indikati b'mod ċar mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, iżda jiksru wkoll ir-rekwiżit fundamentali li oneru materjali għandu jkun legalment iġġustifikat. Għaldaqstant, tneħħija jew limitazzjoni sostanzjali tal-iskema ta' kumpens speċjali jmorru wkoll kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, b'mod partikolari kontra d-drittijiet tagħhom iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

7. Is-seba' motiv: l-iskema ta' kumpens speċjali hija koperta mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002

   — Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li, permezz tad-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni ddikjarat b'mod espliċitu li l-EEG u l-"iskema ta' kumpens" prevista fiha ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex jiġu kklassifikati bħala għajnuna [1]. Din id-deċiżjoni tkopri wkoll l-iskema ta' kumpens speċjali.

8. It-tmien motiv: żball manifest ta' evalwazzjoni u eżami preliminari inadegwat

   — Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma eżaminatx b'mod adegwat, u għaldaqstant lanqas ma rrikonoxxiet, li r-regoli dwar eżenzjonijiet għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija huma ġġustifikati mill-għan, min-natura u mill-istruttura interna tal-EEG u għalhekk ma jikkostitwixxux vantaġġ selettiv.

9. Id-disa' motiv: ksur tad-dritt għal smigħ xieraq

   — Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kien imissha tathom il-possibbiltà jesprimu l-pożizzjoni tagħhom qabel ma adottat deċiżjoni b'konsegwenzi legali daqstant serji.

---

(1) Ittra tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002, innotifikata bin-numru C (2002) 1887 finali (Għajnuna mill-Istat NN 27/2000 – il-Ġermanja).

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Röchling Oertl Kunststofftechnik vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-286/14)**

(2014/C 223/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Röchling Oertl Kunststofftechnik GmbH (Brensbach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B. Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tas-sostenn għal elettriku rinnovabbli u tas-soprataxxa EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), sa fejn tikkonċerna t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

   — Ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG"), ma huwiex għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija ssostni li l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma humiex fil-fatt iffavoriti minn din l-iskema. L-iskema ta' kumpens speċjali tipprovdi pjuttost kumpens għal oneri straordinarji li r-rikorrenti u impriżi oħra simili qegħdin b'mod partikolari jbatu fil-kuntest tas-sostenn tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli u sservi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li kienet inizjalment milquta b'mod kunsiderevoli mis-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: assenza ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

   — Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali ma tikkostitwixxix għajnuna "mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat". F'dan il-kuntest hija ssostni li s-soprataxxa EEG stess ma hijiex riżorsi tal-Istat u li, għalhekk, rinunzja għal dawn ir-riżorsi permezz tal-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma tista' tikkostitwixxi għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.

   — Is-soprataxxa EEG la hija imposta, amministrata u lanqas ma hija ddistribwita mill-Istat jew minn istituzzjoni pubblika jew privata maħtura jew stabbilita mill-Istat. Għall-kuntrarju, is-soprataxxa tista' tiġi imposta direttament mill-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni fuq il-bażi ta' pretensjoni korrispondenti taħt id-dritt ċivili. Is-soprataxxa EEG ma tiġix attribwita lill-baġit tal-Istat u għalhekk l-iskema ta' kumpens speċjali b'ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma tolqot id-dħul tal-Istat.

   — L-awtoritajiet tal-Istat lanqas ma għandhom xi tip ta' setgħa fir-rigward tar-riżorsi miġbura permezz tas-soprataxxa EEG. Barra minn hekk, ma hemm ebda kontroll pubbliku fir-rigward ta' dawn ir-riżorsi, bħal pereżempju permezz tal-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni, BAFA) jew permezz tal-Bundesnetzagentur (Aġenżija federali responsabbli għan-netwerks).

**Rikors ippreżentat fit-2 ta’ Mejju 2014 – Schaeffler Technologies vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-287/14)**

(2014/C 223/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Schaeffler Technologies GmbH & Co. KG (Herzogenaurach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B. Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta’ Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tas-sostenn għal elettriku rinnovabbli u tas-soprataxxa EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), sa fejn tikkonċerna t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta’ vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

   — Ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar ’il quddiem l-“EEG”), ma huwiex għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F’dan il-kuntest, hija ssostni li l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma humiex fil-fatt iffavoriti minn din l-iskema. L-iskema ta’ kumpens speċjali tipprovdi pjuttost kumpens għal oneri straordinarji li r-rikorrenti u impriżi oħra simili qegħdin b’mod partikolari jbatu fil-kuntest tas-sostenn tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli u sservi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li kienet inizjalment milquta b’mod kunsiderevoli mis-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: assenza ta’ riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

   — Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta’ kumpens speċjali ma tikkostitwixxix għajnuna “mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta’ riżorsi ta’ l-Istat”. F’dan il-kuntest hija ssostni li s-soprataxxa EEG stess ma hijiex riżorsi tal-Istat u li, għalhekk, rinunzja għal dawn ir-riżorsi permezz tal-iskema ta’ kumpens speċjali lanqas ma tista’ tikkostitwixxi għajnuna mogħtija permezz ta’ riżorsi tal-Istat.

   — Is-soprataxxa EEG la hija imposta, amministrata u lanqas ma hija ddistribwita mill-Istat jew minn istituzzjoni pubblika jew privata maħtura jew stabbilita mill-Istat. Għall-kuntrarju, is-soprataxxa tista’ tiġi imposta direttament mill-operaturi tan-netwerk ta’ trażmissjoni fuq il-bażi ta’ pretensjoni korrispondenti taħt id-dritt ċivili. Is-soprataxxa EEG ma tiġix attribwita lill-baġit tal-Istat u għalhekk l-iskema ta’ kumpens speċjali b’ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma tolqot id-dħul tal-Istat.

   — L-awtoritajiet tal-Istat lanqas ma għandhom xi tip ta’ setgħa fir-rigward tar-riżorsi miġbura permezz tas-soprataxxa EEG. Barra minn hekk, ma hemm ebda kontroll pubbliku fir-rigward ta’ dawn ir-riżorsi, bħal pereżempju permezz tal-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni, BAFA) jew permezz tal-Bundesnetzagentur (Aġenżija federali responsabbli għan-netwerks).

**Rikors ippreżentat fit-2 ta’ Mejju 2014 – Energiewerke Nord vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-288/14)**

(2014/C 223/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Energiewerke Nord GmbH (Rubenow, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B. Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta’ Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tas-sostenn għal elettriku rinnovabbli u tas-soprataxxa EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), sa fejn tikkonċerna t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta’ vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

   — Ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar ’il quddiem l-“EEG”), ma huwiex għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F’dan il-kuntest, hija ssostni li l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma humiex fil-fatt iffavoriti minn din l-iskema. L-iskema ta’ kumpens speċjali tipprovdi pjuttost kumpens għal oneri straordinarji li r-rikorrenti u impriżi oħra simili qegħdin b’mod partikolari jbatu fil-kuntest tas-sostenn tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli u sservi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li kienet inizjalment milquta b’mod kunsiderevoli mis-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: assenza ta’ riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

   — Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta’ kumpens speċjali ma tikkostitwixxix għajnuna “mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta’ riżorsi ta’ l-Istat”. F’dan il-kuntest hija ssostni li s-soprataxxa EEG stess ma hijiex riżorsi tal-Istat u li, għalhekk, rinunzja għal dawn ir-riżorsi permezz tal-iskema ta’ kumpens speċjali lanqas ma tista’ tikkostitwixxi għajnuna mogħtija permezz ta’ riżorsi tal-Istat.

   — Is-soprataxxa EEG la hija imposta, amministrata u lanqas ma hija ddistribwita mill-Istat jew minn istituzzjoni pubblika jew privata maħtura jew stabbilita mill-Istat. Għall-kuntrarju, is-soprataxxa tista’ tiġi imposta direttament mill-operaturi tan-netwerk ta’ trażmissjoni fuq il-bażi ta’ pretensjoni korrispondenti taħt id-dritt ċivili. Is-soprataxxa EEG ma tiġix attribwita lill-baġit tal-Istat u għalhekk l-iskema ta’ kumpens speċjali b’ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma tolqot id-dħul tal-Istat.

   — L-awtoritajiet tal-Istat lanqas ma għandhom xi tip ta’ setgħa fir-rigward tar-riżorsi miġbura permezz tas-soprataxxa EEG. Barra minn hekk, ma hemm ebda kontroll pubbliku fir-rigward ta’ dawn ir-riżorsi, bħal pereżempju permezz tal-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni, BAFA) jew permezz tal-Bundesnetzagentur (Aġenżija federali responsabbli għan-netwerks).

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – H-O-T Servicecenter Nürnberg *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-289/14)**

(2014/C 223/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* H-O-T Servicecenter Nürnberg GmbH (Nürnberg, il-Ġermanja), H-O-T Servicecenter Schmölln GmbH & Co. KG (Schmölln), H-O-T Servicecenter Allgäu GmbH & Co. KG (Memmingerberg), EB Härtetechnik GmbH & Co. KG (Nürnberg) (rappreżentanti: A. Reuter, C. Arhold, N. Wimmer, F. A. Wesche, K. Kindereit, R. Busch, A. Hohler u T. Woltering, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-Każ dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) – Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa mnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija (ĠU C 37, p. 73, 7 ta' Frar 2014);

— tordna t-tgħaqqid ta' din il-kawża mal-kawża mressqa mill-Ġermanja quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata (rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2014);

— sussidjarjament: tikkonsulta l-atti tal-imsemmija kawża dwar ir-rikors ippreżentat mill-Ġermanja;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw għaxar motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta' vantaġġ

— Ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema ta' kumpens speċjali prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") ma timplika ebda vantaġġ għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku fl-industrija tal-ittemprar u tal-kisi, b'mod ġenerali, u, b'mod partikolari, għar-rikorrenti.

2. It-tieni motiv: assenza ta' vantaġġ selettiv

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema ta' kumpens speċjali ma tipprevedi ebda vantaġġ selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE għar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv: assenza ta' allokazzjoni ta' riżorsi tal-Istat

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali ma hijiex għajnuna "mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

4. Ir-raba' motiv: assenza ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni

— Ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema ta' kumpens speċjali ma toħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

5. Il-ħames motiv: assenza ta' impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma għandha impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6. It-sitt motiv: tneħħija jew limitazzjoni sostanzjali tal-iskema ta' kumpens speċjali jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti

— Ir-rikorrenti jsostnu li l-klassifikazzjoni tal-iskema ta' kumpens speċjali bħala għajnuna jew limitazzjoni sostanzjali tal-iskema ta' kumpens speċjali mhux biss imorru lil hinn mil-limiti tal-Artikolu 107 TFUE kif indikati b'mod ċar mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, iżda jiksru wkoll ir-rekwiżit fundamentali li oneru materjali għandu jkun legalment iġġustifikat. Għaldaqstant, tneħħija jew limitazzjoni sostanzjali tal-iskema ta' kumpens speċjali jmorru wkoll kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, b'mod partikolari kontra d-drittijiet tagħhom iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

7. Is-seba’ motiv: l-iskema ta’ kumpens speċjali hija koperta mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Mejju 2002

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li, permezz tad-deċiżjoni tagħha tat-22 ta’ Mejju 2002, il-Kummissjoni ddikjarat b’mod espliċitu li l-EEG u l-“iskema ta’ kumpens” prevista fiha ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex jiġu kklassifikati bħala għajnuna ([1]). Din id-deċiżjoni tkopri wkoll l-iskema ta’ kumpens speċjali.

8. It-tmien motiv: żball manifest ta’ evalwazzjoni u eżami preliminari inadegwat

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma eżaminatx b’mod adegwat, u għaldaqstant lanqas ma rrikonoxxiet, li r-regoli dwar eżenzjonijiet għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija huma ġġustifikati mill-għan, min-natura u mill-istruttura interna tal-EEG u għalhekk ma jikkostitwixxux vantaġġ selettiv.

9. Id-disa’ motiv: ksur tad-dritt għal smigħ xieraq

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kien imissha tathom il-possibbiltà jesprimu l-pożizzjoni tagħhom qabel ma adottat deċiżjoni b’konsegwenzi legali daqstant serji.

10. L-għaxar motiv: motivazzjoni insuffiċjenti

— Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali ma tipprovdix motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-punti essenzjali.

([1]) Ittra tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Mejju 2002, innotifikata bin-numru C (2002) 1887 finali (Għajnuna mill-Istat NN 27/2000 – il-Ġermanja).

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta’ Mejju 2014 – egeplast international vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-291/14)**

(2014/C 223/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* egeplast international GmbH (Greven, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Rosenfeld, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni Kummissjoni Ewropea tat-18 ta’ Diċembru 2013 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) – Il-Ġermanja: Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti essenzjalment tinvoka l-motivi segwenti.

1. Nuqqas ta’ vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li l-iskema ta’ kumpens speċjali prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar ’il quddiem l-“EEG”) ma tiffavorixxix lir-rikorrenti fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE iżda sempliċement ittaffi oneru speċifiku li jista’ jaffettwa l-kompetittività tar-rikorrenti u li kien biss impost fuqha minħabba l-introduzzjoni tas-soprataxxa EEG. Din l-iskema hija maħsuba sabiex tikkumpensa parzjalment żvantaġġ u mhux sabiex tipprovdi vantaġġ.

2. Nuqqas ta’ selettività

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta’ kumpens speċjali ma hijiex selettiva peress li ma hijiex limitata għal impriżi partikolari jew għal oqsma ta’ produzzjoni partikolari. Fil-fatt, il-firxa ta’ impriżi li fil-prattika bbenefikaw mill-iskema ta’ kumpens speċjali hija wiesgħa ħafna. L-iskema hija integrata mingħajr kontradizzjonijiet fl-EEG 2012 u tiffaċilita l-iskema ta’ oneri li hija inerenti għall-istruttura tal-EEG.

3. Nuqqas ta' riżorsi tal-Istat jew ta' riżorsi attribwibbli lill-Istat

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li d-dħul mis-soprataxxa EEG ma huwiex riżorsi tal-Istat jew riżorsi attribwibbli lill-Istat. Is-soprataxxa EEG hija maħsuba sabiex tissodisfa l-pretensjoni taħt id-dritt ċivili tal-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni ("Übertragungsnetzbetreiber", iktar 'il quddiem "ÜNB") fil-konfront tal-fornituri tal-elettriku għar-rimbors tal-ispejjeż li huma jsostnu għall-kummerċjalizzazzjoni tal-elettriku. L-ammont tas-soprataxxa huwa ddeterminat mill-ÜNB mingħajr ebda intervent min-naħa tal-Istat. Huwa biss permezz tas-setgħat mogħtija lill-Bundesnetzagentur (Aġenżija federali responsabbli għan-netwerks) li jiġi vverifikat jekk id-determinazzjoni tal-ammont tas-soprataxxa mill-ÜNB saritx b'mod korrett. Madankollu, il-Bundesnetzagentur ma għandha ebda kontroll permanenti fuq id-dħul mis-soprataxxa jew diskrezzjoni fir-rigward tal-użu ta' dan id-dħul.

4. Nuqqas ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u ta' impatt fuq il-kummerċ

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li min-natura mhux Statali tad-dħul mis-soprataxxa jirriżulta li l-limitazzjonijiet fir-rigward tas-soprataxxa EEG ma kkostitwixxewx rinunzja għal dħul tal-Istat. Barra minn hekk, lanqas jista' jingħad li hemm rinunzja minħabba li eventwali tnaqqis fid-dħul fil-kont tas-soprataxxa minn riżorsi privati jkun ikkumpensat finanzjarjament permezz ta' soprataxxa b'ammont ogħla għall-utenti finali li ma humiex ipprivileġġati.

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Klemme vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-294/14)**

(2014/C 223/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti*: Klemme AG (Lutherstadt Eisleben, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B. Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tas-sostenn għal elettriku rinnovabbli u tas-soprataxxa EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), sa fejn tikkonċerna t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG"), ma huwiex għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija ssostni li l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma humiex fil-fatt iffavoriti minn din l-iskema. L-iskema ta' kumpens speċjali tipprovdi pjuttost kumpens għal oneri straordinarji li r-rikorrenti u impriżi oħra simili qegħdin b'mod partikolari jbatu fil-kuntest tas-sostenn tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli u sservi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li kienet inizjalment milquta b'mod kunsiderevoli mis-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: assenza ta’ riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta’ kumpens speċjali ma tikkostitwixxix għajnuna “mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta’ riżorsi ta’ l-Istat”. F’dan il-kuntest hija ssostni li s-soprataxxa EEG stess ma hijiex riżorsi tal-Istat u li, għalhekk, rinunzja għal dawn ir-riżorsi permezz tal-iskema ta’ kumpens speċjali lanqas ma tista’ tikkostitwixxi għajnuna mogħtija permezz ta’ riżorsi tal-Istat.

— Is-soprataxxa EEG la hija imposta, amministrata u lanqas ma hija ddistribwita mill-Istat jew minn istituzzjoni pubblika jew privata maħtura jew stabbilita mill-Istat. Għall-kuntrarju, is-soprataxxa tista’ tiġi imposta direttament mill-operaturi tan-netwerk ta’ trażmissjoni fuq il-bażi ta’ pretensjoni korrispondenti taħt id-dritt ċivili. Is-soprataxxa EEG ma tiġix attribwita lill-baġit tal-Istat u għalhekk l-iskema ta’ kumpens speċjali b’ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma tolqot id-dħul tal-Istat.

— L-awtoritajiet tal-Istat lanqas ma għandhom xi tip ta’ setgħa fir-rigward tar-riżorsi miġbura permezz tas-soprataxxa EEG. Barra minn hekk, ma hemm ebda kontroll pubbliku fir-rigward ta’ dawn ir-riżorsi, bħal pereżempju permezz tal-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni, BAFA) jew permezz tal-Bundesnetzagentur (Aġenżija federali responsabbli għan-netwerks).

---

## Rikors ippreżentat fit-2 ta’ Mejju 2014 – Autoneum Germany vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-295/14)

(2014/C 223/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Autoneum Germany GmbH (Roßdorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B. Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta’ Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tas-sostenn għal elettriku rinnovabbli u tas-soprataxxa EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), sa fejn tikkonċerna t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta’ vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar ’il quddiem l-“EEG”), ma huwiex għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F’dan il-kuntest, hija ssostni li l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma humiex fil-fatt iffavoriti minn din l-iskema. L-iskema ta’ kumpens speċjali tipprovdi pjuttost kumpens għal oneri straordinarji li r-rikorrenti u impriżi oħra simili qegħdin b’mod partikolari jbatu fil-kuntest tas-sostenn tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli u sservi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li kienet inizjalment milquta b’mod kunsiderevoli mis-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: assenza ta' riżorsi tal-istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali ma tikkostitwixxix għajnuna "mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat". F'dan il-kuntest hija ssostni li s-soprataxxa EEG stess ma hijiex riżorsi tal-Istat u li, għalhekk, rinunzja għal dawn ir-riżorsi permezz tal-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma tista' tikkostitwixxi għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.

— Is-soprataxxa EEG la hija imposta, amministrata u lanqas ma hija ddistribwita mill-Istat jew minn istituzzjoni pubblika jew privata maħtura jew stabbilita mill-Istat. Għall-kuntrarju, is-soprataxxa tista' tiġi imposta direttament mill-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni fuq il-bażi ta' pretensjoni korrispondenti taħt id-dritt ċivili. Is-soprataxxa EEG ma tiġix attribwita lill-baġit tal-Istat u għalhekk l-iskema ta' kumpens speċjali b'ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma tolqot id-dħul tal-Istat.

— L-awtoritajiet tal-Istat lanqas ma għandhom xi tip ta' setgħa fir-rigward tar-riżorsi miġbura permezz tas-soprataxxa EEG. Barra minn hekk, ma hemm ebda kontroll pubbliku fir-rigward ta' dawn ir-riżorsi, bħal pereżempju permezz tal-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni, BAFA) jew permezz tal-Bundesnetzagentur (Aġenżija federali responsabbli għan-netwerks).

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Erbslöh vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-296/14)**

(2014/C 223/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Erbslöh AG (Velbert, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B. Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tas-sostenn għal elettriku rinnovabbli u tas-soprataxxa EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), sa fejn tikkonċerna t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG"), ma huwiex għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija ssostni li l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma humiex fil-fatt iffavoriti minn din l-iskema. L-iskema ta' kumpens speċjali tipprovdi pjuttost kumpens għal oneri straordinarji li r-rikorrenti u impriżi oħra simili qegħdin b'mod partikolari jbatu fil-kuntest tas-sostenn tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli u sservi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li kienet inizjalment milquta b'mod kunsiderevoli mis-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: assenza ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali ma tikkostitwixxix għajnuna "mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat". F'dan il-kuntest hija ssostni li s-soprataxxa EEG stess ma hijiex riżorsi tal-Istat u li, għalhekk, rinunzja għal dawn ir-riżorsi permezz tal-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma tista' tikkostitwixxi għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.

— Is-soprataxxa EEG la hija imposta, amministrata u lanqas ma hija ddistribwita mill-Istat jew minn istituzzjoni pubblika jew privata maħtura jew stabbilita mill-Istat. Għall-kuntrarju, is-soprataxxa tista' tiġi imposta direttament mill-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni fuq il-bażi ta' pretensjoni korrispondenti taħt id-dritt ċivili. Is-soprataxxa EEG ma tiġix attribwita lill-baġit tal-Istat u għalhekk l-iskema ta' kumpens speċjali b'ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma tolqot id-dħul tal-Istat.

— L-awtoritajiet tal-Istat lanqas ma għandhom xi tip ta' setgħa fir-rigward tar-riżorsi miġbura permezz tas-soprataxxa EEG. Barra minn hekk, ma hemm ebda kontroll pubbliku fir-rigward ta' dawn ir-riżorsi, bħal pereżempju permezz tal-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni, BAFA) jew permezz tal-Bundesnetzagentur (Aġenżija federali responsabbli għan-netwerks).

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Walter Klein vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-297/14)**

(2014/C 223/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Walter Klein GmbH & Co. KG (Wuppertal, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B. Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tas-sostenn għal elettriku rinnovabbli u tas-soprataxxa EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), sa fejn tikkonċerna t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG"), ma huwiex għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija ssostni li l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma humiex fil-fatt iffavoriti minn din l-iskema. L-iskema ta' kumpens speċjali tipprovdi pjuttost kumpens għal oneri straordinarji li r-rikorrenti u impriżi oħra simili qegħdin b'mod partikolari jbatu fil-kuntest tas-sostenn tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli u sservi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li kienet inizjalment milquta b'mod kunsiderevoli mis-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: assenza ta’ riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta’ kumpens speċjali ma tikkostitwixxix għajnuna “mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta’ riżorsi ta’ l-Istat”. F’dan il-kuntest hija ssostni li s-soprataxxa EEG stess ma hijiex riżorsi tal-Istat u li, għalhekk, rinunzja għal dawn ir-riżorsi permezz tal-iskema ta’ kumpens speċjali lanqas ma tista’ tikkostitwixxi għajnuna mogħtija permezz ta’ riżorsi tal-Istat.

— Is-soprataxxa EEG la hija imposta, amministrata u lanqas ma hija ddistribwita mill-Istat jew minn istituzzjoni pubblika jew privata maħtura jew stabbilita mill-Istat. Għall-kuntrarju, is-soprataxxa tista’ tiġi imposta direttament mill-operaturi tan-netwerk ta’ trażmissjoni fuq il-bażi ta’ pretensjoni korrispondenti taħt id-dritt ċivili. Is-soprataxxa EEG ma tiġix attribwita lill-baġit tal-Istat u għalhekk l-iskema ta’ kumpens speċjali b’ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma tolqot id-dħul tal-Istat.

— L-awtoritajiet tal-Istat lanqas ma għandhom xi tip ta’ setgħa fir-rigward tar-riżorsi miġbura permezz tas-soprataxxa EEG. Barra minn hekk, ma hemm ebda kontroll pubbliku fir-rigward ta’ dawn ir-riżorsi, bħal pereżempju permezz tal-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni, BAFA) jew permezz tal-Bundesnetzagentur (Aġenżija federali responsabbli għan-netwerks).

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta’ Mejju 2014 – Erbslöh Aluminium vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-298/14)**

(2014/C 223/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Erbslöh Aluminium GmbH (Velbert, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B. Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta’ Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tas-sostenn għal elettriku rinnovabbli u tas-soprataxxa EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), sa fejn tikkonċerna t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta’ vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar ’il quddiem l-“EEG”), ma huwiex għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F’dan il-kuntest, hija ssostni li l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma humiex fil-fatt iffavoriti minn din l-iskema. L-iskema ta’ kumpens speċjali tipprovdi pjuttost kumpens għal oneri straordinarji li r-rikorrenti u impriżi oħra simili qegħdin b’mod partikolari jbatu fil-kuntest tas-sostenn tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli u sservi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li kienet inizjalment milquta b’mod kunsiderevoli mis-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: assenza ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali ma tikkostitwixxix għajnuna "mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat". F'dan il-kuntest hija ssostni li s-soprataxxa EEG stess ma hijiex riżorsi tal-Istat u li, għalhekk, rinunzja għal dawn ir-riżorsi permezz tal-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma tista' tikkostitwixxi għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.

— Is-soprataxxa EEG la hija imposta, amministrata u lanqas ma hija ddistribwita mill-Istat jew minn istituzzjoni pubblika jew privata maħtura jew stabbilita mill-Istat. Għall-kuntrarju, is-soprataxxa tista' tiġi imposta direttament mill-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni fuq il-bażi ta' pretensjoni korrispondenti taħt id-dritt ċivili. Is-soprataxxa EEG ma tiġix attribwita lill-baġit tal-Istat u għalhekk l-iskema ta' kumpens speċjali b'ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma tolqot id-dħul tal-Istat.

— L-awtoritajiet tal-Istat lanqas ma għandhom xi tip ta' setgħa fir-rigward tar-riżorsi miġbura permezz tas-soprataxxa EEG. Barra minn hekk, ma hemm ebda kontroll pubbliku fir-rigward ta' dawn ir-riżorsi, bħal pereżempju permezz tal-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni, BAFA) jew permezz tal-Bundesnetzagentur (Aġenżija federali responsabbli għan-netwerks).

---

## Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Fricopan Back vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-300/14)**

(2014/C 223/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Fricopan Back GmbH Immekath (Klötze, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B. Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tas-sostenn għal elettriku rinnovabbli u tas-soprataxxa EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), sa fejn tikkonċerna t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG"), ma huwiex għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija ssostni li l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma humiex fil-fatt iffavoriti minn din l-iskema. L-iskema ta' kumpens speċjali tipprovdi pjuttost kumpens għal oneri straordinarji li r-rikorrenti u impriżi oħra simili qegħdin b'mod partikolari jbatu fil-kuntest tas-sostenn tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli u sservi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li kienet inizjalment milquta b'mod kunsiderevoli mis-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: assenza ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali ma tikkostitwixxix għajnuna "mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat". F'dan il-kuntest hija ssostni li s-soprataxxa EEG stess ma hijiex riżorsi tal-Istat u li, għalhekk, rinunzja għal dawn ir-riżorsi permezz tal-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma tista' tikkostitwixxi għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.

— Is-soprataxxa EEG la hija imposta, amministrata u lanqas ma hija ddistribwita mill-Istat jew minn istituzzjoni pubblika jew privata maħtura jew stabbilita mill-Istat. Għall-kuntrarju, is-soprataxxa tista' tiġi imposta direttament mill-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni fuq il-bażi ta' pretensjoni korrispondenti taħt id-dritt ċivili. Is-soprataxxa EEG ma tiġix attribwita lill-baġit tal-Istat u għalhekk l-iskema ta' kumpens speċjali b'ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma tolqot id-dħul tal-Istat.

— L-awtoritajiet tal-Istat lanqas ma għandhom xi tip ta' setgħa fir-rigward tar-riżorsi miġbura permezz tas-soprataxxa EEG. Barra minn hekk, ma hemm ebda kontroll pubbliku fir-rigward ta' dawn ir-riżorsi, bħal pereżempju permezz tal-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni, BAFA) jew permezz tal-Bundesnetzagentur (Aġenżija federali responsabbli għan-netwerks).

---

## Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Michelin Reifenwerke vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-301/14)

(2014/C 223/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Michelin Reifenwerke AG & Co. KGaA (Karlsruhe, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B. Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tas-sostenn għal elettriku rinnovabbli u tas-soprataxxa EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), sa fejn tikkonċerna t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG"), ma huwiex għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija ssostni li l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma humiex fil-fatt iffavoriti minn din l-iskema. L-iskema ta' kumpens speċjali tipprovdi pjuttost kumpens għal oneri straordinarji li r-rikorrenti u impriżi oħra simili qegħdin b'mod partikolari jbatu fil-kuntest tas-sostenn tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli u sservi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li kienet inizjalment milquta b'mod kunsiderevoli mis-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: assenza ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali ma tikkostitwixxix għajnuna "mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat". F'dan il-kuntest hija ssostni li s-soprataxxa EEG stess ma hijiex riżorsi tal-Istat u li, għalhekk, rinunzja għal dawn ir-riżorsi permezz tal-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma tista' tikkostitwixxi għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.

— Is-soprataxxa EEG la hija imposta, amministrata u lanqas ma hija ddistribwita mill-Istat jew minn istituzzjoni pubblika jew privata maħtura jew stabbilita mill-Istat. Għall-kuntrarju, is-soprataxxa tista' tiġi imposta direttament mill-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni fuq il-bażi ta' pretensjoni korrispondenti taħt id-dritt ċivili. Is-soprataxxa EEG ma tiġix attribwita lill-baġit tal-Istat u għalhekk l-iskema ta' kumpens speċjali b'ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma tolqot id-dħul tal-Istat.

— L-awtoritajiet tal-Istat lanqas ma għandhom xi tip ta' setgħa fir-rigward tar-riżorsi miġbura permezz tas-soprataxxa EEG. Barra minn hekk, ma hemm ebda kontroll pubbliku fir-rigward ta' dawn ir-riżorsi, bħal pereżempju permezz tal-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni, BAFA) jew permezz tal-Bundesnetzagentur (Aġenżija federali responsabbli għan-netwerks).

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Buderus Guss vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-302/14)**

(2014/C 223/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Buderus Guss GmbH (Breidenbach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Greinacher, J. Martin u B. Scholtka, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla, skont l-Artikolu 263(1) TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiftaħ, fil-konfront tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tas-sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn gass tal-minjieri skont il-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u fir-rigward tat-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija – Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), deċiżjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-7 ta' Frar 2014, Nru C 37, p. 73, sa fejn f'din id-deċiżjoni l-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE l-iskema ta' kumpens speċjali prevista fl-Artikoli 40 u 41 tal-EEG;

— skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż neċessarji.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107 TFUE

Ir-rikorenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli fil-forma tas-sistema tas-soprataxxa kif ukoll l-iskema ta' kumpens speċjali li tnaqqas is-soprataxxa EEG bħala għajnuna u għalhekk il-proċedura għal investigazzjoni formali ma kellhiex tinfetaħ.

— F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li, fl-evalwazzjoni preliminari tal-kwistjoni jekk l-iskema ta' kumpens speċjali tikkostitwixxix għajnuna, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-iskema ta' kumpens speċjali, sa fejn tistabbilixxi deroga mis-soprataxxa EEG, ma tagħti ebda trattament favorevoli lill-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li dawn ma kinux jirċievu f'kundizzjonijiet tas-suq normali.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li ebda riżorsi tal-Istat ma huma involuti. Peress li d-dħul mis-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat, id-deroga prevista għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma tistax titqies bħala li tinvolvi riżorsi tal-Istat.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-iktar l-iktar, din l-iskema tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li kienu jeżistu fl-assenza tas-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kisret ukoll il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. L-iskema Ġermaniża dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli kienet diġà s-suġġett ta' evalwazzjoni ddettaljata fid-dawl tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, fis-sena 2002 il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li din l-iskema ma kienet tinvolvi ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Peress li f'dan ir-rigward l-EEG tal-2012 ma introduċiet l-ebda emendi sostantivi meta mqabbla mas-sitwazzjoni legali eżistenti, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati ma kellhomx għalfejn jistennew li ser ikun hemm investigazzjoni ġdida iżda setgħu jistennew li l-iskema tibqa' fis-seħħ.

3. It-tielet motiv: użu ħażin ta' poter

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni użat ħażin il-poteri mogħtija lilha mill-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE. Bil-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-għan prinċipali li tarmonizza, bħala prinċipju, is-sostenn tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli. Dan l-għan fundamentali huwa rifless ukoll fl-abbozz ġdid tal-Linji gwida dwar l-għajnuna għall-ambjent u l-enerġija, abbozz li fih il-Kummissjoni tistabbilixxi għall-ewwel darba regoli dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, sabiex tikseb armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċeduri previsti fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet skont l-Artikoli 116 TFUE u 117 TFUE.

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Polyblend vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-303/14)

(2014/C 223/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Polyblend GmbH (Bad Sobernheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Greinacher, J. Martin u B. Scholtka, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla, skont l-Artikolu 263(1) TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiftaħ, fil-konfront tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tas-sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn gass tal-minjieri skont il-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u fir-rigward tat-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija – Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), deċiżjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-7 ta' Frar 2014, Nru C 37, p. 73, sa fejn f'din id-deċiżjoni l-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE l-iskema ta' kumpens speċjali prevista fl-Artikoli 40 u 41 tal-EEG;

— skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż neċessarji.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107 TFUE

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli fil-forma tas-sistema tas-soprataxxa kif ukoll l-iskema ta’ kumpens speċjali li tnaqqas is-soprataxxa EEG bħala għajnuna u għalhekk il-proċedura għal investigazzjoni formali ma kellhiex tinfetaħ.

— F’dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li, fl-evalwazzjoni preliminari tal-kwistjoni jekk l-iskema ta’ kumpens speċjali tikkostitwixxix għajnuna, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni peress li l-iskema ta’ kumpens speċjali, sa fejn tistabbilixxi deroga mis-soprataxxa EEG, ma tagħti ebda trattament favorevoli lill-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li dawn ma kinux jirċievu f’kundizzjonijiet tas-suq normali.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li ebda riżorsi tal-Istat ma huma involuti. Peress li d-dħul mis-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat, id-deroga prevista għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma tistax titqies bħala li tinvolvi riżorsi tal-Istat.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta’ kumpens speċjali lanqas ma toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-iktar l-iktar, din l-iskema tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li kienu jeżistu fl-assenza tas-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipju ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kisret ukoll il-prinċipju ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. L-iskema Ġermaniża dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli kienet diġà s-suġġett ta’ evalwazzjoni ddettaljata fid-dawl tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-kuntest ta’ din l-evalwazzjoni, fis-sena 2002 il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li din l-iskema ma kienet tinvolvi ebda trasferiment ta’ riżorsi tal-Istat. Peress li f’dan ir-rigward l-EEG tal-2012 ma introduċiet l-ebda emendi sostantivi meta mqabbla mas-sitwazzjoni legali eżistenti, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati ma kellhomx għalfejn jistennew li ser ikun hemm investigazzjoni ġdida iżda setgħu jistennew li l-iskema tibqa’ fis-seħħ.

3. It-tielet motiv: użu ħażin ta’ poter

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni użat ħażin il-poteri mogħtija lilha mill-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE. Bil-ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-għan prinċipali li tarmonizza, bħala prinċipju, is-sostenn tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli. Dan l-għan fundamentali huwa rifless ukoll fl-abbozz ġdid tal-Linji gwida dwar l-għajnuna għall-ambjent u l-enerġija, abbozz li fih il-Kummissjoni tistabbilixxi għall-ewwel darba regoli dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, sabiex tikseb armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċeduri previsti fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet skont l-Artikoli 116 TFUE u 117 TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta’ April 2014 – Sun Alloys Europe vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-304/14)**

(2014/C 223/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sun Alloys Europe GmbH (Bad Sobernheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Greinacher, J. Martin u B. Scholtka, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla, skont l-Artikolu 263(1) TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiftaħ, fil-konfront tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tas-sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn gass tal-minjieri skont il-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u fir-rigward tat-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija – Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), deċiżjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-7 ta' Frar 2014, Nru C 37, p. 73, sa fejn f'din id-deċiżjoni l-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE l-iskema ta' kumpens speċjali prevista fl-Artikoli 40 u 41 tal-EEG;

— skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż neċessarji.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107 TFUE

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli fil-forma tas-sistema tas-soprataxxa kif ukoll l-iskema ta' kumpens speċjali li tnaqqas is-soprataxxa EEG bħala għajnuna u għalhekk il-proċedura għal investigazzjoni formali ma kellhiex tinfetaħ.

— F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li, fl-evalwazzjoni preliminari tal-kwistjoni jekk l-iskema ta' kumpens speċjali tikkostitwixxix għajnuna, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-iskema ta' kumpens speċjali, sa fejn tistabbilixxi deroga mis-soprataxxa EEG, ma tagħti ebda trattament favorevoli lill-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li dawn ma kinux jirċievu f'kundizzjonijiet tas-suq normali.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li ebda riżorsi tal-Istat ma huma involuti. Peress li d-dħul mis-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat, id-deroga prevista għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma tistax titqies bħala li tinvolvi riżorsi tal-Istat.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-iktar l-iktar, din l-iskema tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li kienu jeżistu fl-assenza tas-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kisret ukoll il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. L-iskema Ġermaniża dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli kienet diġà s-suġġett ta' evalwazzjoni ddettaljata fid-dawl tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, fis-sena 2002 il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li din l-iskema ma kienet tinvolvi ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Peress li f'dan ir-rigward l-EEG tal-2012 ma introduċiet l-ebda emendi sostantivi meta mqabbla mas-sitwazzjoni legali eżistenti, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati ma kellhomx għalfejn jistennew li ser ikun hemm investigazzjoni ġdida iżda setgħu jistennew li l-iskema tibqa' fis-seħħ.

3. It-tielet motiv: użu ħażin ta' poter

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni użat ħażin il-poteri mogħtija lilha mill-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE. Bil-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-għan prinċipali li tarmonizza, bħala prinċipju, is-sostenn tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli. Dan l-għan fundamentali huwa rifless ukoll fl-abbozz ġdid tal-Linji gwida dwar l-għajnuna għall-ambjent u l-enerġija, abbozz li fih il-Kummissjoni tistabbilixxi għall-ewwel darba regoli dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, sabiex tikseb armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċeduri previsti fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet skont l-Artikoli 116 TFUE u 117 TFUE.

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Vestolit vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-305/14)**

(2014/C 223/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Vestolit GmbH (Marl, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Greinacher, J. Martin u B. Scholtka, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla, skont l-Artikolu 263(1) TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiftaħ, fil-konfront tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tas-sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn gass tal-minjieri skont il-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u fir-rigward tat-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija – Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), deċiżjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-7 ta' Frar 2014, Nru C 37, p. 73, sa fejn f'din id-deċiżjoni l-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE l-iskema ta' kumpens speċjali prevista fl-Artikoli 40 u 41 tal-EEG;

— skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż neċessarji.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107 TFUE

   Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli fil-forma tas-sistema tas-soprataxxa kif ukoll l-iskema ta' kumpens speċjali li tnaqqas is-soprataxxa EEG bħala għajnuna u għalhekk il-proċedura għal investigazzjoni formali ma kellhiex tinfetaħ.

   — F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li, fl-evalwazzjoni preliminari tal-kwistjoni jekk l-iskema ta' kumpens speċjali tikkostitwixxix għajnuna, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-iskema ta' kumpens speċjali, sa fejn tistabbilixxi deroga mis-soprataxxa EEG, ma tagħti ebda trattament favorevoli lill-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li dawn ma kinux jirċievu f'kundizzjonijiet tas-suq normali.

   — Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li ebda riżorsi tal-Istat ma huma involuti. Peress li d-dħul mis-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat, id-deroga prevista għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma tistax titqies bħala li tinvolvi riżorsi tal-Istat.

   — Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-iktar l-iktar, din l-iskema tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li kienu jeżistu fl-assenza tas-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

   Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kisret ukoll il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. L-iskema Ġermaniża dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli kienet diġà s-suġġett ta' evalwazzjoni ddettaljata fid-dawl tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, fis-sena 2002 il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li din l-iskema ma kienet tinvolvi ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Peress li f'dan ir-rigward l-EEG tal-2012 ma introduċiet l-ebda emendi sostantivi meta mqabbla mas-sitwazzjoni legali eżistenti, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati ma kellhomx għalfejn jistennew li ser ikun hemm investigazzjoni ġdida iżda setgħu jistennew li l-iskema tibqa' fis-seħħ.

3. It-tielet motiv: użu ħażin ta’ poter

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni użat ħażin il-poteri mogħtija lilha mill-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE. Bil-ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-għan prinċipali li tarmonizza, bħala prinċipju, is-sostenn tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli. Dan l-għan fundamentali huwa rifless ukoll fl-abbozz ġdid tal-Linji gwida dwar l-għajnuna għall-ambjent u l-enerġija, abbozz li fih il-Kummissjoni tistabbilixxi għall-ewwel darba regoli dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, sabiex tikseb armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċeduri previsti fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet skont l-Artikoli 116 TFUE u 117 TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta’ April 2014 – Polymer-Chemie vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-306/14)**

(2014/C 223/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Polymer-Chemie GmbH (Sobernheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Greinacher, J. Martin u B. Scholtka, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

— tannulla, skont l-Artikolu 263(1) TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta’ Diċembru 2013 li tiftaħ, fil-konfront tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-proċedura ta’ investigazzjoni formali fir-rigward tas-sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli u minn gass tal-minjieri skont il-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta’ prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar ’il quddiem l-“EEG”) u fir-rigward tat-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija – Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), deċiżjoni ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-7 ta’ Frar 2014, Nru C 37, p. 73, sa fejn f’din id-deċiżjoni l-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE l-iskema ta’ kumpens speċjali prevista fl-Artikoli 40 u 41 tal-EEG;

— skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż neċessarji.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107 TFUE

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli fil-forma tas-sistema tas-soprataxxa kif ukoll l-iskema ta’ kumpens speċjali li tnaqqas is-soprataxxa EEG bħala għajnuna u għalhekk il-proċedura għal investigazzjoni formali ma kellhiex tinfetaħ.

— F’dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li, fl-evalwazzjoni preliminari tal-kwistjoni jekk l-iskema ta’ kumpens speċjali tikkostitwixxix għajnuna, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni peress li l-iskema ta’ kumpens speċjali, sa fejn tistabbilixxi deroga mis-soprataxxa EEG, ma tagħti ebda trattament favorevoli lill-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li dawn ma kinux jirċievu f’kundizzjonijiet tas-suq normali.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li ebda riżorsi tal-Istat ma huma involuti. Peress li d-dħul mis-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat, id-deroga prevista għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma tistax titqies bħala li tinvolvi riżorsi tal-Istat.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta’ kumpens speċjali lanqas ma toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-iktar l-iktar, din l-iskema tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li kienu jeżistu fl-assenza tas-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kisret ukoll il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. L-iskema Ġermaniża dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli kienet diġà s-suġġett ta' evalwazzjoni ddettaljata fid-dawl tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, fis-sena 2002 il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li din l-iskema ma kienet tinvolvi ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Peress li f'dan ir-rigward l-EEG tal-2012 ma introduċiet l-ebda emendi sostantivi meta mqabbla mas-sitwazzjoni legali eżistenti, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati ma kellhomx għalfejn jistennew li ser ikun hemm investigazzjoni ġdida iżda setgħu jistennew li l-iskema tibqa' fis-seħħ.

3. It-tielet motiv: użu ħażin ta' poter

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni użat ħażin il-poteri mogħtija lilha mill-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE. Bil-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-għan prinċipali li tarmonizza, bħala prinċipju, is-sostenn tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli. Dan l-għan fundamentali huwa rifless ukoll fl-abbozz ġdid tal-Linji gwida dwar l-għajnuna għall-ambjent u l-enerġija, abbozz li fih il-Kummissjoni tistabbilixxi għall-ewwel darba regoli dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, sabiex tikseb armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċeduri previsti fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet skont l-Artikoli 116 TFUE u 117 TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – TechnoCompound vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-307/14)**

(2014/C 223/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* TechnoCompound GmbH (Bad Sobernheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Greinacher, J. Martin u B. Scholtka, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla, skont l-Artikolu 263(1) TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiftaħ, fil-konfront tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tas-sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn gass tal-minjieri skont il-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u fir-rigward tat-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija – Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), deċiżjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-7 ta' Frar 2014, Nru C 37, p. 73, sa fejn f'din id-deċiżjoni l-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE l-iskema ta' kumpens speċjali prevista fl-Artikoli 40 u 41 tal-EEG;

— skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż neċessarji.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107 TFUE

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli fil-forma tas-sistema tas-soprataxxa kif ukoll l-iskema ta' kumpens speċjali li tnaqqas is-soprataxxa EEG bħala għajnuna u għalhekk il-proċedura għal investigazzjoni formali ma kellhiex tinfetaħ.

— F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li, fl-evalwazzjoni preliminari tal-kwistjoni jekk l-iskema ta' kumpens speċjali tikkostitwixxix għajnuna, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-iskema ta' kumpens speċjali, sa fejn tistabbilixxi deroga mis-soprataxxa EEG, ma tagħti ebda trattament favorevoli lill-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li dawn ma kinux jirċievu f'kundizzjonijiet tas-suq normali.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li ebda riżorsi tal-Istat ma huma involuti. Peress li d-dħul mis-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat, id-deroga prevista għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma tistax titqies bħala li tinvolvi riżorsi tal-Istat.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-iktar l-iktar, din l-iskema tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li kienu jeżistu fl-assenza tas-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kisret ukoll il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. L-iskema Ġermaniża dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli kienet diġà s-suġġett ta' evalwazzjoni ddettaljata fid-dawl tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, fis-sena 2002 il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li din l-iskema ma kienet tinvolvi ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Peress li f'dan ir-rigward l-EEG tal-2012 ma introduċiet l-ebda emendi sostantivi meta mqabbla mas-sitwazzjoni legali eżistenti, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati ma kellhomx għalfejn jistennew li ser ikun hemm investigazzjoni ġdida iżda setgħu jistennew li l-iskema tibqa' fis-seħħ.

3. It-tielet motiv: użu ħażin ta' poter

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni użat ħażin il-poteri mogħtija lilha mill-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE. Bil-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-għan prinċipali li tarmonizza, bħala prinċipju, is-sostenn tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli. Dan l-għan fundamentali huwa rifless ukoll fl-abbozz ġdid tal-Linji gwida dwar l-għajnuna għall-ambjent u l-enerġija, abbozz li fih il-Kummissjoni tistabbilixxi għall-ewwel darba regoli dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, sabiex tikseb armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċeduri previsti fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet skont l-Artikoli 116 TFUE u 117 TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Neue Halberg-Guss vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-308/14)**

(2014/C 223/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Neue Halberg-Guss GmbH (Saarbrücken, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Greinacher, J. Martin u B. Scholtka, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla, skont l-Artikolu 263(1) TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiftaħ, fil-konfront tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tas-sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn gass tal-minjieri skont il-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u fir-rigward tat-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija – Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), deċiżjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-7 ta' Frar 2014, Nru C 37, p. 73, sa fejn f'din id-deċiżjoni l-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE l-iskema ta' kumpens speċjali prevista fl-Artikoli 40 u 41 tal-EEG;

— skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż neċessarji.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107 TFUE

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli fil-forma tas-sistema tas-soprataxxa kif ukoll l-iskema ta' kumpens speċjali li tnaqqas is-soprataxxa EEG bħala għajnuna u għalhekk il-proċedura għal investigazzjoni formali ma kellhiex tinfetaħ.

— F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li, fl-evalwazzjoni preliminari tal-kwistjoni jekk l-iskema ta' kumpens speċjali tikkostitwixxix għajnuna, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-iskema ta' kumpens speċjali, sa fejn tistabbilixxi deroga mis-soprataxxa EEG, ma tagħti ebda trattament favorevoli lill-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li dawn ma kinux jirċievu f'kundizzjonijiet tas-suq normali.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li ebda riżorsi tal-Istat ma huma involuti. Peress li d-dħul mis-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat, id-deroga prevista għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma tistax titqies bħala li tinvolvi riżorsi tal-Istat.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-iktar l-iktar, din l-iskema tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li kienu jeżistu fl-assenza tas-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kisret ukoll il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. L-iskema Ġermaniża dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli kienet diġà s-suġġett ta' evalwazzjoni ddettaljata fid-dawl tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, fis-sena 2002 il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li din l-iskema ma kienet tinvolvi ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Peress li f'dan ir-rigward l-EEG tal-2012 ma introduċiet l-ebda emendi sostantivi meta mqabbla mas-sitwazzjoni legali eżistenti, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati ma kellhomx għalfejn jistennew li ser ikun hemm investigazzjoni ġdida iżda setgħu jistennew li l-iskema tibqa' fis-seħħ.

3. It-tielet motiv: użu ħażin ta' poter

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni użat ħażin il-poteri mogħtija lilha mill-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE. Bil-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-għan prinċipali li tarmonizza, bħala prinċipju, is-sostenn tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli. Dan l-għan fundamentali huwa rifless ukoll fl-abbozz ġdid tal-Linji gwida dwar l-għajnuna għall-ambjent u l-enerġija, abbozz li fih il-Kummissjoni tistabbilixxi għall-ewwel darba regoli dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, sabiex tikseb armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċeduri previsti fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet skont l-Artikoli 116 TFUE u 117 TFUE.

---

## Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Mat Foundries Europe vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-309/14)**

(2014/C 223/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Mat Foundries Europe GmbH (Neunkirchen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Greinacher, J. Martin u B. Scholtka, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla, skont l-Artikolu 263(1) TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiftaħ, fil-konfront tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tas-sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn gass tal-minjieri skont il-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u fir-rigward tat-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija – Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), deċiżjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-7 ta' Frar 2014, Nru C 37, p. 73, sa fejn f'din id-deċiżjoni l-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE l-iskema ta' kumpens speċjali prevista fl-Artikoli 40 u 41 tal-EEG;

— skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż neċessarji.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107 TFUE

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli fil-forma tas-sistema tas-soprataxxa kif ukoll l-iskema ta' kumpens speċjali li tnaqqas is-soprataxxa EEG bħala għajnuna u għalhekk il-proċedura għal investigazzjoni formali ma kellhiex tinfetaħ.

— F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li, fl-evalwazzjoni preliminari tal-kwistjoni jekk l-iskema ta' kumpens speċjali tikkostitwixxix għajnuna, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-iskema ta' kumpens speċjali, sa fejn tistabbilixxi deroga mis-soprataxxa EEG, ma tagħti ebda trattament favorevoli lill-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li dawn ma kinux jirċievu f'kundizzjonijiet tas-suq normali.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li ebda riżorsi tal-Istat ma huma involuti. Peress li d-dħul mis-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat, id-deroga prevista għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma tistax titqies bħala li tinvolvi riżorsi tal-Istat.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-iktar l-iktar, din l-iskema tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li kienu jeżistu fl-assenza tas-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kisret ukoll il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. L-iskema Ġermaniża dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli kienet diġà s-suġġett ta' evalwazzjoni ddettaljata fid-dawl tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, fis-sena 2002 il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li din l-iskema ma kienet tinvolvi ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Peress li f'dan ir-rigward l-EEG tal-2012 ma introduċiet l-ebda emendi sostantivi meta mqabbla mas-sitwazzjoni legali eżistenti, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati ma kellhomx għalfejn jistennew li ser ikun hemm investigazzjoni ġdida iżda setgħu jistennew li l-iskema tibqa' fis-seħħ.

3. It-tielet motiv: użu ħażin ta' poter

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni użat ħażin il-poteri mogħtija lilha mill-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE. Bil-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-għan prinċipali li tarmonizza, bħala prinċipju, is-sostenn tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli. Dan l-għan fundamentali huwa rifless ukoll fl-abbozz ġdid tal-Linji gwida dwar l-għajnuna għall-ambjent u l-enerġija, abbozz li fih il-Kummissjoni tistabbilixxi għall-ewwel darba regoli dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, sabiex tikseb armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċeduri previsti fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet skont l-Artikoli 116 TFUE u 117 TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Fritz Winter Eisengießerei vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-310/14)**

(2014/C 223/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fritz Winter Eisengießerei GmbH & Co. KG (Stadallendorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Greinacher, J. Martin u B. Scholtka, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla, skont l-Artikolu 263(1) TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiftaħ, fil-konfront tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tas-sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn gass tal-minjieri skont il-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") u fir-rigward tat-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija – Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), deċiżjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-7 ta' Frar 2014, Nru C 37, p. 73, sa fejn f'din id-deċiżjoni l-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE l-iskema ta' kumpens speċjali prevista fl-Artikoli 40 u 41 tal-EEG;

— skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż neċessarji.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107 TFUE

   Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli fil-forma tas-sistema tas-soprataxxa kif ukoll l-iskema ta' kumpens speċjali li tnaqqas is-soprataxxa EEG bħala għajnuna u għalhekk il-proċedura għal investigazzjoni formali ma kellhiex tinfetaħ.

   — F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li, fl-evalwazzjoni preliminari tal-kwistjoni jekk l-iskema ta' kumpens speċjali tikkostitwixxix għajnuna, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-iskema ta' kumpens speċjali, sa fejn tistabbilixxi deroga mis-soprataxxa EEG, ma tagħti ebda trattament favorevoli lill-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li dawn ma kinux jirċievu f'kundizzjonijiet tas-suq normali.

   — Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li ebda riżorsi tal-Istat ma huma involuti. Peress li d-dħul mis-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat, id-deroga prevista għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma tistax titqies bħala li tinvolvi riżorsi tal-Istat.

   — Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-iktar l-iktar, din l-iskema tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li kienu jeżistu fl-assenza tas-soprataxxa EEG.

2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

   Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kisret ukoll il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. L-iskema Ġermaniża dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli kienet diġà s-suġġett ta' evalwazzjoni ddettaljata fid-dawl tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, fis-sena 2002 il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li din l-iskema ma kienet tinvolvi ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Peress li f'dan ir-rigward l-EEG tal-2012 ma introduċiet l-ebda emendi sostantivi meta mqabbla mas-sitwazzjoni legali eżistenti, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati ma kellhomx għalfejn jistennew li ser ikun hemm investigazzjoni ġdida iżda setgħu jistennew li l-iskema tibqa' fis-seħħ.

3. It-tielet motiv: użu ħażin ta' poter

   Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni użat ħażin il-poteri mogħtija lilha mill-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE. Bil-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-għan prinċipali li tarmonizza, bħala prinċipju, is-sostenn tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli. Dan l-għan fundamentali huwa rifless ukoll fl-abbozz ġdid tal-Linji gwida dwar l-għajnuna għall-ambjent u l-enerġija, abbozz li fih il-Kummissjoni tistabbilixxi għall-ewwel darba regoli dwar is-sostenn tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, sabiex tikseb armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċeduri previsti fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet skont l-Artikoli 116 TFUE u 117 TFUE.

---

## Rikors ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2014 – Christian Dior Couture vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' disinn ripetittiv b'effett intaljat)

**(Kawża T-313/14)**

(2014/C 223/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Christian Dior couture SA (Pariġi, Franza) (rappreżentant: M. Sabatier, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tal-4 ta' Marzu 2014 fil-Każ R 459/2013-4, peress li din ċaħdet l-appell mid-deċiżjoni tal-eżaminatur, li tirrifjuta l-protezzjoni tas-sistema tat-trade mark Komunitarja għar-reġistrazzjoni internazzjonali li tirrigwarda l-Unjoni Ewropea tat-trade mark figurattiva Nru 1 100 187 sabiex jindikaw ċerti prodotti indikati fil-klassijiet 9, 14, 18 u 25;

— taċċetta r-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva Nru 1 100 187 li tindika l-prodotti kollha indikati fil-klassijiet 9, 14, 18 u 25, u sussidjarjament għall-prodotti li l-użu tagħhom huwa espressament muri;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tar-rikorrenti inkorsi fil-proċedimenti quddiem l-UASI u fil-kuntest ta' din il-proċedura, skont l-Artikolu 87 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea tat-trade mark figurattiva li tirrappreżenta disinn ripetittiv b'effett intaljat għall-prodotti fil-klassijiet 9, 14, 18 u 25

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni rrifjutata parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Vinnolit vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-318/14)**

(2014/C 223/63)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Vinnolit GmbH & Co. KG (Ismaning, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Geipel, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013 fil-Każ SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) sa fejn tikkonċerna t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tagħha u għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE

   — Ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG prevista fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' prijorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il quddiem l-"EEG") fir-rigward tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku jikkostitwixxi bidla f'mekkaniżmu ta' kumpens rregolat mid-dritt ċivili. Dan it-tnaqqis ma jinvolvi ebda vantaġġ mogħti minn riżorsi tal-Istat jew minn riżorsi kkontrollati mill-Istat.

2. It-tieni motiv: assenza, fi kwalunkwe każ, ta' għajnuna ġdida

   — Ir-rikorrenti ssostni wkoll li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG għal impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma huwiex għajnuna ġdida fis-sens tal-Artikolu 108 TFUE sa fejn il-mekkaniżmu ta' finanzjament għas-sostenn tal-enerġija rinnovabbli fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kien diġà ġie kklassifikat mill-Kummissjoni Ewropea bħala kompatibbli mad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat u minn dak iż-żmien lil hawn ma ġiex emendat b'mod sinjifikattiv.

3. It-tielet motiv: ksur ta' drittijiet fundamentali u tal-prinċipju ta' proporzjonalità

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni Ewropea ma eżerċitatx id-diskrezzjoni tagħha jew ma użathiex b'mod adegwat minħabba li, minn naħa, ma kkunsidratx il-konsegwenzi negattivi kunsiderevoli għall-impriżi kkonċernati li jirriżultaw mill-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali u, min-naħa l-oħra, fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni fi żmien meta din kienet għadha ma hijiex meħtieġa.

4. Ir-raba' motiv: ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

— Ir-rikorrenti ssostni li, permezz tad-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni Ewropea ma osservatx l-aspettattivi leġittimi tal-impriżi kkonċernati peress li l-mekkaniżmu ta' finanzjament għas-sostenn tal-enerġija rinnovabbli fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kien diġà ġie kklassifikat mill-Kummissjoni Ewropea bħala kompatibbli mad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat u minn dak iż-żmien lil hawn ma ġiex emendat b'mod sinjifikattiv.

5. Il-ħames motiv: użu ħażin tal-poter

— Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li, permezz tad-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni użat ħażin il-poter tagħha b'tali mod li llimitat b'mod mhux aċċettabbli l-marġni ta' diskrezzjoni li tgawdi r-Repubblika Federali tal-Ġermanja taħt id-dritt primarju u sekondarju fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-sostenn tal-enerġija rinnovabbli.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2014 – Azarov vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-331/14)**

(2014/C 223/64)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mykola Yanovych Azarov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentanti: G. Lansky u A. Egger, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla, skont l-Artikolu 263 TFUE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 26) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru°208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 1), sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrenti;

— tordna ċerti miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura skont l-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 87 tar-Regoli tal-Proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

   F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni, b'mod partikolari, li l-motivazzjoni tal-atti ikkontestati ma tippermettilhiex tikkontesta l-imsemmija atti quddiem il-Qorti Ġenerali u ma tippermettix lill-Qorti Ġenerali tistħarreġ il-legalità tagħhom.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali

   Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti tinvoka ksur tad-dritt għall-proprjetà u ksur tad-dritt li tiġi eżerċitata attività ekonomika. Hija tinvoka, barra minn hekk, in-natura sproporzjonata tal-miżuri restrittivi imposti. Fl-aħħar nett, hija ssostni li d-drittijiet tagħha tad-difiża nkisru.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq użu ħażin ta’ poter

   F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni, b’mod partikolari, li l-Kunsill wettaq użu ħażin ta’ poter għaliex adotta l-miżuri restrittivi kontriha prinċipalment għal finijiet differenti minn dawk li jissaħħaħ u jiġi sostnut l-istat tad-dritt u dak tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba

   Fil-kuntest ta’ dan il-motiv, ir-rikorrenti tinvoka, b’mod partikolari, ksur tad-dritt għal trattament imparzjali, ksur tad-dritt għal trattament ġust u xieraq u ksur tad-dritt għal investigazzjoni bir-reqqa tal-fatti.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Mejju 2014 – Azarov vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-332/14)**

(2014/C 223/65)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Oleksii Mykolayovych Azarov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentanti: G. Lansky u A. Egger, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla, skont l-Artikolu 263 TFUE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta’ Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 26), id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK, tal-14 ta’ April 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 111, p. 91), kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta’ Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 1) u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 381/2014, tal-14 ta’ April 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 111, p. 33), sa fejn jirrigwardaw lir-rikorrent;

— tordna miżuri ta’ organizzazzjoni tal-proċedura skont l-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni

   F’dan ir-rigward, ir-rikorrent isostni, b’mod partikolari, li l-motivazzjoni tal-att ikkontestat ma tippermettilux jikkontesta l-imsemmi att quddiem il-Qorti Ġenerali u lanqas ma tippermetti lill-Qorti Ġenerali tistħarreġ il-legalità tiegħu.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali

   Fil-kuntest ta’ dan il-motiv, ir-rikorrent jinvoka l-ksur tad-dritt għall-proprjetà u l-ksur tad-dritt li jeżerċita attività ekonomika. Huwa jinvoka barra minn hekk in-natura sproporzjonata tal-miżuri restrittivi imposti. Fl-aħħar nett, huwa jsostni li d-drittijiet tad-difiża tiegħu ġew miksura.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter

   F'dan ir-rigward, ir-rikorrent isostni, b'mod partikolari, li l-Kunsill għamel użu ħażin tal-poter mogħti lilu billi adotta miżuri restrittivi kontrih prinċipalment għal finijiet differenti milli biex isaħħaħ u jkun ta' sostenn għall-istat tad-dritt u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba

   Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrent jinvoka, b'mod partikolari, il-ksur tad-dritt għal trattament imparzjali, il-ksur tad-dritt għal trattament ġust u ekwu u l-ksur tad-dritt għal investigazzjoni bir-reqqa tal-fatti.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2014 – STC vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-355/14)**

(2014/C 223/66)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

## Partijiet

*Rikorrenti:* STC SpA (Forlì, l-Italja) (rappreżentanti: A. Marelli u G. Delucca, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati, bil-konsegwenzi legali kollha, u, b'mod partikolari, b'dan il-mod:

— tikkundanna lill-awtorità kontraenti għall-kumpens tad-danni subiti minħabba tali deċiżjonijiet illegali, jew bil-mod speċifiku mitlub, jiġifieri permezz tat-teħid mill-ġdid tad-deċiżjoni favur ir-rikorrenti, jew b'mod ekwivalenti u, f'dan l-aħħar każ, billi tħallas il-kumpens għat-telf tal-qligħ tal-impriża u tad-dannu totali li jammonta għal 15 % tal-prezz indikat fl-offerta tar-rikorrenti jew, alternattivament, 15 % tal-valur tal-offerta, jew inkella, ammont ikbar jew iżgħar, li jkun ikkunsidrat xieraq, ibbażat fuq valutazzjoni ekwa; fi kwalunkwe każ flimkien mal-interessi kumpensatorji bħala kumpens għad-danni għad-dewmien; u barra minn hekk:

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-ispejjeż kollha tal-kawża, li jinkludu spejjeż aċċessorji, varji u kwalunkwe spejjeż oħra dovuti skont il-liġi, suġġett għal kwantifikazzjoni.

## Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors preżenti ġie ppreżentat kontra d-deċiżjoni ta' evalwazzjoni negattiva tal-offerta mitfugħa mir-rikorrenti, fis-sejħa għal offerti JRC IPR 2013 C04 0031 OC, tat-Taqsima Manutenzjoni u Servizzi, tad-Direttorat ta' Tmexxija tas-Sit ta' Ispra, taċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, u kkomunikata permezz ta' nota datata t-3.4.2014 Ref. Ares (2014)1041060; kontra id-deċiżjoni ta' għoti ta' kuntratt lil kumpannija oħra; kif ukoll kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal aċċess għad-dokumenti tas-sejħa għal offerti.

L-għan tas-sejħa għal offerti inkwistjoni kienet tikkonsisti fid-disinn eżekuttiv, fil-provvista ta' tagħmir u fil-kostruzzjoni ta' impjant ġdid tat-turbogas bi tliet sistemi, b'kuntratt ta' manutenzjoni ordinarja u straordinarja għal perijodu ta' 6 snin, li minnhom l-ewwel 2 huma koperti mill-garanzija.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq nuqqas ta' rikonoxximent tad-dritt tar-rikorrenti li taċċessa d-dokumenti tas-sejħa għal offerti. Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward il-ksur:

   — tal-Artikoli 42 u 47 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

   — tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tas-sejħa għal offerti minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal-lista ta' kriterji għas-sejħa għal offerti u għall-punti miksuba mill-offerenti l-oħra u għat-test sħiħ tar-rapport tal-evalwazzjoni li jirrigwarda lir-rikorrenti.

— tad-drittijiet tad-difiża u ta' rimedju effettiv.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-offerta ekonomika mitfugħa mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward il-ksur:

— tal-Artikolu 296 TFUE minħabba motivazzjoni kontradittorja u inadegwata.

— tad-dritt għal amministrazzjoni tajba kif deskritt fl-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

— tal-Artikolu 112(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, p. 1).

— tal-Artikolu 160(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, tad-29 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, p. 1).

— ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' trasparenza fil-fażi tal-evalwazzjoni tal-offerti għall-finijiet tal-għoti tal-kuntratti, u nuqqas ta' rikonoxximent tal-opportunitajiet ugwali lill-offerenti kollha.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-offerta teknika mitfugħa mir-rikorrenti. F'dan ir-rigward, hija ssostni l-ksur:

— tal-Artikolu 296 TFUE minħabba motivazzjoni kontradittorja u inadegwata.

— tad-dritt għal amministrazzjoni tajba kif deskritt fl-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

— tal-Artikolu 112(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, p. 1).

— tal-Artikoli 139(1) u 160(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, tad-29 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, p. 1).

— tal-prinċipju ta' transparenza u tal-Artikolu 16 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-rikorrenti ssostni wkoll li r-riżultati dokumentarji ġew żnaturati.

# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-16 ta' Jannar 2014 – Guinet vs BEI**

**(Kawża F-107/12)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Sistema ta' pensjoni — Trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni — Kumpens għall-iżvantaġġi li jirriżultaw mid-dewmien tat-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni — Kundizzjoni tat-trasferiment effettiv tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba f'sistema oħra minbarra dik tal-BEI — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament)***

(2014/C 223/67)

*Lingwa tal-kawża:il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Philippe Guinet (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Konvenut:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: T. Gilliams, G. Nuvoli, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-BEI tat-talba tar-rikorrent sabiex jiġu kkalkolati s-snin ta' servizz għall-pensjoni miżjuda u talba għad-danni.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *P. Guinet għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għal tliet kwarti tal-ispejjeż sostnuti mill-Bank Ewropew tal-Investiment.*

3) *Il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jbati kwart tal-ispejjeż tiegħu.*

([1]) ĠU C 366, 24.11.2012, p. 41.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-22 ta' Mejju 2014 – CI vs Il-Parlament**

**(Kawża F-130/12)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Allowances tal-familja — Allowance għall-ulied dipendenti — Allowance doppja għall-ulied dipendenti — Artikolu 67(3) tar-Regolamenti tal-Persunal — Kundizzjonijiet għall-għoti — Soluzzjoni bonarja bejn il-partijiet wara l-intervent tal-Ombudsman Ewropew — Implementazzjoni — Dmir ta' premura)***

(2014/C 223/68)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* CI (rappreżentanti: B. Cortese u A. Salerno, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Despotopoulou u M. Ecker, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-għoti tal-allowance doppja għall-ulied dipendenti skont l-Artikolu 67(3) tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-5 ta' Diċeembru 2011, li tirrifjuta t-tiġdid, sa mill-1 ta' Ġunju 2008, tal-allowance doppja għall-ulied dipendenti, kif ukoll id-deċiżjoni tal-20 ta' Lulju 2012, li tiċħad l-ilment, huma annullati.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Il-Parlament Ewropew għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn CI.*

---

([1]) ĠU C 71, 09.03.2013, p. 29.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-30 ta' Jannar 2014 – Ohrgaard vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-151/12)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Allowance tal-espatrijazzjoni — Kundizzjoni ta' residenza prevista fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Eżerċizzju ta' funzjonijiet f'organizzazzjoni internazzjonali — Kunċett — Stage ta' ħames xhur imwettaq mal-Kummissjoni — Esklużjoni)***

(2014/C 223/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Jakob Ohrgaard (Frederiksberg, id-Danimarka) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal, D. de Abreu Caldas, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u V. Joris, aġenti)

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta li jingħata lir-rikorrent id-dritt għall-allowance tal-espatrijazzjoni.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tas-6 ta' Marzu 2012, li tirrfjuta li J. Ohrgaard jieħu l-benefiċċju tal-espatrijazzjoni, kif emendata bid-deċiżjoni tal-31 ta' Awwissu 2012 li tiċħad l-ilment, hija annullata.*

2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata li tbati l-ispejjeż sostnuti minn J. Ohrgaard.*

---

([1]) ĠU C 55, 23.2.2013, p. 26.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-14 ta' Frar 2014 – Lebedef vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-60/13)** [1]

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Reġistrazzjoni tal-assenzi minħabba mard — Assenza irregolari — Tnaqqis magħmul mill-Awtorità tal-Ħatra fuq il-leave annwali — Tressiq ta' talba permezz tal-posta elettronika — Għarfien mill-persuna kkonċernata tal-eżistenza ta' deċiżjoni — Ommissjoni li wieħed jiftaħ il-posta elettronika u li jinforma ruħu, billi jagħfas fuq il-hyperlink, dwar il-kontenut ta' din id-deċiżjoni — Ammissibbiltà — Termini — Determinazzjoni tad-data li minnha l-persuna kkonċernata setgħet kellha għarfien tal-kontenut tad-deċiżjoni)***

(2014/C 223/70)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

## Partijiet

*Rikorrent:* Giorgio Lebedef (Senningerberg, il-Lussemburgu) (rappreżentant: F. Frabetti, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)

## Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita li tiċħad it-talba, imressqa mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, rigward il-korrezzjoni tar-reġistrazzjonijiet tal-assenzi tiegħu minħabba mard fis-sistema SysPer2.

## Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

2) *G. Lebedef għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.*

[1] ĠU C 274, 21.09.2013, p. 29.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT